# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 116

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 61**

**7 ta' Mejju 2018**


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/681 tal-4 ta' Mejju 2018 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209)** ([1]) ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/682 tal-4 ta' Mejju 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) fiz-zlazi emulsifikati** ([1]) ..... 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/683 tal-4 ta' Mejju 2018 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163** ..... 8


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/684 tal-4 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ..... 47


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Rettifika**

★ **Rettifika tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2009** (ĠU L 56, 6.3.2010) .......... 59

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/681

**tal-4 ta' Mejju 2018**

**li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([3]) jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(2) Dawk l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) F'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209) huwa awtorizzat bħala addittiv tal-ikel fil-kategorija tal-ikel 17.1 "Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'forma solida inklużi kapsuli u pilloli u forom simili, minbarra f'forom li jistgħu jintmagħdu". Skont l-ispeċifikazzjonijiet attwali tal-UE, l-ammont massimu permissibbli tal-glikol tal-etilen u tal-glikol tad-dietilen, li huma preżenti bħala impuritajiet fl-addittiv tal-ikel il-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209), huwa 50 mg/kg għal kull wieħed minnhom.

(4) Fis-26 ta' Ġunju 2015 tressqet applikazzjoni għall-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tal-limiti għall-glikol tal-etilen u għall-glikol tad-dietilen fil-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209). L-applikazzjoni tqiegħdet għad-disponibbiltà tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

(5) L-applikant talab li jiżdiedu l-limiti individwali massimi għal dawk iż-żewġ impuritajiet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209) għal limitu globali ta' "Mhux aktar minn 620 mg/kg għall-glikol tal-etilen b'mod individwali jew flimkien mal-glikol tad-dietilen". L-applikant

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

iddikjara li din l-ispeċifikazzjoni kienet inkluża fl-applikazzjoni oriġinali li ġiet ivvalutata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") fl-2013 ([1]) u li l-limitu propost (620 mg/kg għall-glikol tal-etilen b'mod individwali jew flimkien mal-glikol tad-dietilen) kien identiku għal-limitu għall-glikol tal-etilen fil-prodotti farmaċewtiċi.

(6) Fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2017 ([2]) l-Awtorità kkonkludiet li t-talba tal-applikant se tirriżulta f'esponiment totali mill-użi tal-addittivi tal-ikel taħt id-doża tollerabbli ta' kuljum (tolerable daily intake, TDI) tal-grupp ta' 0,5 mg/kg tal-piż tal-ġisem/jum allokata mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (Scientific Committee on Food, SCF) u li l-emenda għall-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tal-livell tal-impuritajiet glikol tal-etilen u glikol tad-dietilen fil-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209) proposta mill-applikant mhijiex ta' tħassib għas-sikurezza. Madankollu, l-Awtorità nnutat li r-riżultati analitiċi pprovduti kienu b'mod konsistenti u b'mod konsiderevoli aktar baxxi (sa 360 mg/kg) mil-livell propost ta' 620 mg/kg għall-glikol tal-etilen b'mod individwali jew flimkien mal-glikol tad-dietilen fl-ispeċifikazzjonijiet tal-UE għall-E 1209.

(7) Mid-diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Governattivi dwar l-Addittivi tal-Ikel irriżulta li l-limitu massimu għall-glikol tal-etilen u għall-glikol tad-dietilen jenħtieġ li jinżamm baxx kemm jista' jkun kif muri mid-dejta analitika biex tiġi limitata l-kontribuzzjoni tagħhom lit-TDI.

(8) Meta jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012, huwa meħtieġ li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet u t-tekniki analitiċi għall-addittivi tal-ikel kif stabbiliti fil-Codex Alimentarius imfassal mill-Kumitat Konġunt tal-Esperti tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel (Joint Expert Committee on Food Additives, JECFA).

(9) L-ispeċifikazzjonijiet tal-JECFA għall-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (INS 1209) tħejjew fit-80 laqgħa tal-JECFA ([3]) u ġew ppubblikati fil-Monografiji tal-FAO JECFA 17 ([4]) fl-2015. Il-livell għall-glikol tal-etilen u għall-glikol tad-dietilen stabbiliti hemmhekk huwa "Mhux aktar minn 400 mg/kg (b'mod indivdwali jew flimkien)".

(10) Għalhekk, huwa xieraq li jiġu emendati l-limiti għall-impuritajiet glikol tal-etilen u glikol tad-dietilen fl-addittiv tal-ikel il-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene (E 1209) għal "Mhux aktar minn 400 mg/kg għall-glikol tal-etilen b'mod individwali jew flimkien mal-glikol tad-dietilen".

(11) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Il-Bord tal-ANS tal-EFSA (il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel), 2013. Scientific Opinion on the safety of polyvinyl alcohol-polyethylene glycol-graft-co-polymer as a food additive. EFSA Journal 2013; 11(7):3303, 31 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2013.3303

([2]) Il-Bord tal-ANS tal-EFSA (il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel), 2017. Scientific Opinion on safety of the proposed amendment of the specifications for the food additive polyvinyl alcohol-polyethylene glycol-graft-co-polymer (E 1209). EFSA Journal 2017;15(6):4865, 23 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.4865

([3]) Evaluation of certain food additives and contaminants: eightieth report of the Joint FAO/WHO Expert Committee on Food Additives. WHO Technical Report Series 995.

([4]) http://www.fao.org/documents/card/en/c/001c43bb-c473-4a65-a511-d876831f41a0/

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, fir-rigward tal-livelli ta' purità għall-addittiv tal-ikel E 1209 il-kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene, l-entrati għall-glikol tal-etilen u għall-glikol tad-dietilen huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Glikoli tal-etilen (mono- u di-) | Mhux aktar minn 400 mg/kg (b'mod individwali jew flimkien)" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/682

## tal-4 ta' Mejju 2018

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) fiz-zlazi emulsifikati

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Din il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) Skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) diġà huwa addittiv tal-ikel awtorizzat fil-kategorija tal-ikel 12.6 "Zlazi" (f'livell massimu ta' 4 000 mg/kg), iżda għat-taħwir tal-ikel biss.

(4) Skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) irid ikun soġġett għal valutazzjoni tar-riskju ġdida mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"). Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 ([3]), l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-aġenti emulsjonanti kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2016.

(5) Fl-4 ta' Awwissu 2014, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) bħala aġent emulsjonanti fiz-zlazi emulsifikati. Imbagħad, il-Kummissjoni qiegħdet l-applikazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

(6) It-tnaqqis tax-xaħam fl-ikel ipproċessat, bħal pereżempju z-zlazi emulsifikati, normalment jinkiseb permezz tal-użu tal-aġenti li jħaxxnu. Madankollu, l-aġenti li jħaxxnu jwasslu għal modifika mhux mixtieqa tal-proprjetajiet organolettiċi tal-ikel meta jintużaw f'konċentrazzjoni ogħla minn ċertu livell. Tnaqqis addizzjonali tal-kontenut tax-xaħam jista' jinkiseb f'xi ikel, bħal pereżempju z-zlazi emulsifikati, bl-użu tal-aġenti emulsjonanti li huma kapaċi li jistabbilizzaw kontenut għoli ta' ilma fix-xaħam. Fi studji mwettqa mill-applikant li jqabblu l-effettività ta' aġenti emulsjonanti differenti għat-tnaqqis addizzjonali tax-xaħam fiz-zlazi emulsifikati, il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) kellu l-aħjar riżultati kemm f'termini tal-proprjetajiet fiżiċi kif ukoll ta' dawk organolettiċi taz-zalza emulsifikata miksuba. Il-livell tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) meħtieġ biex tinkiseb il-funzjoni teknoloġika maħsuba kien ta' 4 000 mg/kg.

(7) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità biex tevalwa s-sikurezza tal-estensjoni proposta tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) fiz-zlazi emulsifikati flimkien mal-evalwazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza ta' din is-sustanza skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010.

(8) Fl-24 ta' Marzu 2017, l-Awtorità ressqet Opinjoni Xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) ([4]) u stabbilixxiet doża aċċettabbli ta' kuljum (acceptable daily intake, ADI) ta' 25 mg ta' poliriċinoleat tal-poligliċerol/kg ta' piż tal-ġisem/jum. Meta wieħed iqis li l-istimi tal-esponiment ma qabżux l-ADI, l-Awtorità kkonkludiet li l-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) bħala addittiv tal-ikel mhuwiex ta' tħassib

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi programm għar-rivalutazzjoni tal-addittivi tal-ikel approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 19).

([4]) EFSA Journal 2017;15(3):4743.

għas-sikurezza jekk jintuża bl-użu u fil-livell tal-użu permessi u rrappurtati. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-użu addizzjonali tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) fil-livell massimu ta' 4 000 mg/kg fiz-zlazi emulsifikati ma jirriżultax f'esponiment totali ta' din is-sustanza li jaqbeż l-ADI. Għalhekk, l-estensjoni tal-użu għall-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) fiz-zlazi emulsifikati mhijiex ta' tħassib għas-sikurezza.

(9) Barra minn hekk, l-Awtorità rrakkomandat bosta emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([1]). Fil-biċċa l-kbira dawn huma marbuta mal-użu tal-gliċerol fil-proċess tal-manifattura tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) u għalhekk huma simili għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Awtorità fl-Opinjoni Xjentifika tagħha dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-gliċerol (E 422) ([2]). Għalhekk, l-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476), f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità, se tiġi indirizzata b'mod separat, flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet tal-gliċerol (E 422) u ta' addittivi tal-ikel oħra bbażati fuq il-gliċerol.

(10) Għalhekk, huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) bħala aġent emulsjonanti fiz-zlazi emulsifikati, inkluż it-taħwir tal-ikel, fil-kategorija tal-ikel 12.6 "Zlazi" (f'livell massimu ta' 4 000 mg/kg).

(11) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

([2]) EFSA Journal 2017;15(3):4720.

*ANNESS*

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, fil-kategorija tal-ikel 12.6 "Zlazi", l-entrata tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) hija sostiwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 476 | Poliriċinoleat tal-poligliċerol | 4 000 | | zlazi emulsifikati biss" |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/683**

**tal-4 ta' Mejju 2018**

**li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

## 1. IL-PROĊEDURA

### 1.1. Il-bidu

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-koalizzjoni kontra l-importazzjonijiet inġusti ta' tajers ("l-ilmentatur") ressqet ilment f'isem il-produtturi, li jirrappreżentaw aktar minn 45 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet. L-ilment kien fih biżżejjed evidenza ta' dumping u tad-dannu li rriżulta.

(2) Fil-11 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tat bidu għal investigazzjoni antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 ("tajers ġodda u b'wiċċ ġdid" jew "il-prodott ikkonċernat"), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina"), fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(3) Fil-21 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ħarġet rettifika għan-Notifika ta' Bidu li fiha ddefiniet b'mod aktar ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ([3]).

(4) Fl-14 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tajers ġodda u b'wiċċ ġdid, għall-karozzi tal-linja u t-trakkijiet, li joriġinaw mir-RPĊ, u bdiet investigazzjoni separata. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]).

### 1.2. Reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet

(5) Fit-30 ta' Awwissu 2016, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(6) Fl-4 ta' Ottubru 2017, l-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Lastiku Ċiniża (China Rubber Industry Association, "CRIA") u l-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża tal-Importaturi u tal-Esportaturi tal-Metall, tal-Minerali u tal-Kimiki (China

---

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' tajers ġodda kif ukoll dawk b'wiċċ ġdid għal karozzi tal-linja jew trakkijiet, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 264, 11.8.2017, p. 14).

([3]) ĠU C 356, 21.10.2017, p. 24.

([4]) Notifika ta' bidu ta' proċediment ta' antisussidji li jikkonċerna importazzjonijiet ta' tajers ġodda kif ukoll dawk b'wiċċ ġdid għal karozzi tal-linja jew trakkijiet, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 346, 14.10.2017, p. 9).

Chamber of Commerce of Metals, Minerals & Chemicals Importers and Exporters, "CCCMC") ippreżentat osservazzjonijiet dwar it-talba għal reġistrazzjoni. Huma sostnew li t-talba ma kinitx issodisfat l-istandard evidenzjarju applikabbli, billi ma hemm l-ebda evidenza ta' storja ta' dumping, ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet u li l-importazzjonijiet x'aktarx jimminaw b'mod serju l-effetti ta' rimedju tad-dazju. Fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ospitat seduta ta' smigħ wara talba ta' CRIA, fejn din tenniet il-kummenti li kienet għamlet qabel.

(7) Fit-2 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ir-"regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([1]) li bih għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott kkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ suġġett għar-reġistrazzjoni mill-3 ta' Frar 2018 'il quddiem. F'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat il-kummenti li saru mill-partijiet interessati.

(8) Wara li r-reġistrazzjoni daħlet fis-seħħ, il-Grupp Hankook ([2]) stqarr li kien hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu billi l-ebda informazzjoni ma ġiet ikkomunikata lilu rigward l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat suġġetti għar-reġistrazzjoni, qabel ma daħal fis-seħħ ir-regolament dwar ir-reġistrazzjoni,. Għal din ir-raġuni l-Grupp Hankook sostna li l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea nkiser.

(9) Il-Kummissjoni osservat li l-infurmar minn qabel huwa obbligatorju skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku qabel l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi. L-istess ma japplikax għal deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Dan l-Artikolu jipprevedi biss informazzjoni minn qabel lill-Istati Membri fi żmien debitu. Barra minn hekk, id-dritt għal smigħ skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea japplika biss għal miżuri avversi individwali. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni biex jirreġistraw l-importazzjonijiet. Ir-regolament dwar ir-reġistrazzjoni mhuwiex miżura individwali li taffettwa b'mod negattiv lill-Grupp Hankook. Dan la kien indirizzat lill-Grupp Hankook u lanqas ma pproduċa effetti negattivi individwali għal dan il-grupp. Għalhekk, la d-drittijiet tad-difiża tal-Grupp Hankook u lanqas l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma nkisru.

### 1.3. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(10) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2016 u t-30 ta' Ġunju 2017 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżaminar tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

### 1.4. **Partijiet interessati**

(11) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-ilmentaturi, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lil importaturi, fornituri, utenti u kummerċjanti magħrufa, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jipparteċipaw.

(12) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

(13) Żewġ produtturi tal-Unjoni, irrappreżentati mill-ilmentatur, ħadu din l-opportunità biex jitolbu lill-Kummissjoni li isimhom jinżamm kunfidenzjali għaliex beżgħu li jistgħu jiffaċċjaw ritaljazzjoni mill-klijenti jew mill-kompetituri kkonċernati minn din l-investigazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, sussegwentement żewġ produtturi tal-Unjoni li kkooperaw talbu l-istess *status*.

(14) Il-Kummissjoni eżaminat il-mertu ta' kull talba għall-kunfidenzjalità. Hija stabbilixxiet li kien hemm tabilħaqq evidenza ta' possibbiltà sinifikanti ta' ritaljazzjoni f'kull każ, u aċċettat li l-ismijiet ta' dawn il-kumpaniji jenħtieġ li ma jiġux żvelati.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/163 tal-1 ta' Frar 2018 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għal reġistrazzjoni (ĠU L 30, 2.2.2018, p. 12).

([2]) Il-Grupp Hankook huwa magħmul minn dawn il-kumpaniji relatati li ġejjin: Shanghai Hankook Tire Sales Co., Ltd; Chongqing Hankook Tire Co., Ltd; u Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd.

(15) Żewġ produtturi esportaturi, il-Grupp Giti ([1]) u l-Grupp Aeolus ([2]) sostnew li l-anonimità ta' żewġ produtturi tal-Unjoni rrappreżentati mill-ilmentatur jistgħu jaffettwaw serjament d-dritt għad-difiża tal-partijiet billi mhuwiex possibbli li jiġi vverifikat li l-ilmentatur effettivament jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-anonimità ma tippermettix lill-partijiet interessati li jkunu jafu f'liema livell ([3]) l-ilmentatur hu attiv u b'hekk, biex jikkummentaw dwar id-dannu materjali li jista' jġarrab minħabba l-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, il-Grupp Giti sostna li, skont l-ilmentatur il-produzzjoni tal-Unjoni fil-Livell 3 kienet tirrappreżenta biss 16 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Għalhekk argumenta li t-tnedija tal-proċeduri kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, il-Grupp Giti u l-Grupp Aeolus argumentaw li l-kunfidenzjalità tostakola lill-partijiet interessati milli jkunu jafu jekk il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun humiex relatati ma' produtturi esportaturi Ċiniżi.

(16) L-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku jistipula li l-Kummissjoni ma tista' tiżvela l-ebda informazzjoni li hija ta' natura kunfidenzjali mingħajr permess speċifiku mingħand il-fornitur ta' din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni qieset li l-verżjoni miftuħa tal-ilment ippermetta li l-partijiet interessati li jivvalutaw ir-rekwiżiti permanenti. Barra minn hekk, ir-rappreżentattività tal-ilmentatur trid tiġi vvalutata fuq il-bażi kumplessiva tal-industrija li allegatament ġarrbet dannu, u mhux skont il-livell li jkollu fis-suq. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma kinitx konvinta mill-argument li n-nuqqas ta' għarfien ta' rabtiet potenzjali bejn l-ilmentaturi anonimi u l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom jimpedixxu d-drittijiet ta' difiża tal-partijiet interessati. Għalhekk, it-talbiet li tressqu biex ma tingħatax il-konfidenzjalità ġew irrifjutati.

(17) Il-Kummissjoni għarrfet ukoll lill-produtturi fir-Repubblika tal-Korea ("il-Korea"), il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Indja ("l-Indja"), ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel ("l-Afrika t'Isfel"), ir-Repubblika tat-Turkija ("Turkija"), ir-Renju tat-Tajlandja ("it-Tajlandja") u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ("il-Brażil") dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jieħdu sehem. Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li kienet tqis lill-Istati Uniti tal-Amerka ("USA") bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu") fis-sens tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw u ressqu preżentazzjonijiet f'dan ir-rigward (ara t-Taqsima 3.1.2 hawn taħt).

### 1.5. **Kampjunar**

(18) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni qalet li hija tista' tieħu kampjun mill-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

#### (a) *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(19) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet kampjun ta' produtturi tal-Unjoni proviżorjament. Il-Kummissjoni għażlet kampjun fuq il-bażi tal-ogħla volumi rappreżentattivi ta' produzzjoni u ta' bejgħ, filwaqt li żgurat firxa ġeografika. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan il-kampjun proviżorju.

(20) Erba' partijiet interessati ppreżentaw kummenti dwar il-kampjun proviżorju (il-Grupp Aeolus; il-Grupp Giti; CRIA u CCCMC). B'mod partikolari, huma qiesu li s-segmentazzjoni tas-suq fi tliet livelli ma kinitx riflessa debitament fil-kampjun proviżorju, u li l-kampjun jenħtieġ li jirrefletti kemm jista' jkun il-perċentwal tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-Livell 1, il-Livell 2 u l-Livell 3 mill-produzzjoni u l-bejgħ totali tal-Unjoni.

(21) B'żieda ma' dan il-kumment, fil-25 ta' Settembru 2017 il-Kummissjoni talbet lill-produtturi tal-Unjoni biex jipprovdu informazzjoni addizjonali dwar il-livelli, bil-ħsieb li tistabbilixxi kampjun rivedut tal-produtturi tal-Unjoni.

(22) Il-produtturi tal-Unjoni li kkoperaw li rrispondew għall-kwestjonarju tal-kampjun jinkludu l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) ([4]) kif ukoll dawk kbar, u jirrappreżentaw aktar minn 50 % tat-total stmat tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-Unjoni.

([1]) Giti Tire (China) Investment Co., Ltd u s-sussidjarji tagħha: Giti Tire (Anhui) Co., Ltd; Giti Tire (Fujian) Co., Ltd; Giti Tire (Hualin) Co., Ltd; Giti Tire (Yinchuan) Co., Ltd

([2]) Aeolus Tyre Group Co., Ltd, inkluża Chonche Auto Double Happiness Tyre Corp., Ltd u Pirelli Tyre Co., Ltd

([3]) It-tagħrif miġbur u rċevut mill-Kummissjoni jindika li s-suq tal-Unjoni għal tajers tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet huwa maqsum fi tliet livelli. It-tajers tal-Livell 1 ikopru tajers ġodda bil-marka ewlenija tal-manifatturi prinċipali. Il-Livell 2 ikopri l-biċċa l-kbira mit-tajers mhux primjum, li jkunu kemm ġodda u kemm b'wiċċ ġdid, bi prezzijiet u ammont ta' mili li jvarjaw bejn wieħed u ieħor minn 65 % għal 80 % tal-prezz tat-tajers tal-Livell 1. It-tajers tal-Livell 3 jkopru kemm tajers ġodda u kemm b'wiċċ ġdid b'ammonti ta' mili aktar baxxi u bil-possibbiltà limitata ħafna li jingħataw wiċċ ġdid.

([4]) Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' Intrapriżi Mikro Żgħar u ta' daqs Medju (2003/361/KE).

(23) Sabiex ikun stabbilit kampjun definittiv, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-frammentazzjoni tas-settur tat-tajers fost il-livelli differenti, filwaqt li żgurat li t-tliet livelli kollha ġew koperti mill-kumpaniji fil-kampjun. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li s-sitwazzjoni tal-SMEs kienet ġiet riflessa b'mod xieraq fl-analiżi tad-dannu, peress li dawn jirrappreżentaw madwar 15 % tal-volumi totali fl-Unjoni tal-bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-SMEs jenħtieġ li jiġu rappreżentati fil-kampjun.

(24) Ħdax-il produttur tal-Unjoni kienu inklużi fil-kampjun fuq il-bażi ta':

— ir-rappreżentattività kumplessiva f'termini tad-daqs tal-volum ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott ikkonċernat fis-sena 2016;

— ir-rappreżentattività tal-livelli f'termini tad-daqs tal-volum ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fis-sena 2016;

— il-firxa ġeografika; u

— ir-rappreżentattività tal-produtturi tal-Unjoni f'termini ta' daqs, jiġifieri bejn l-SMEs u l-kumpaniji akbar.

(25) Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun jinkludu kemm il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs. Il-produtturi tal-Unjoni magħżula huma bbażati f'sitt Stati Membri (l-Italja, Spanja, il-Polonja, il-Portugall, il-Ġermanja u Franza) li flimkien jammontaw għal iżjed minn 36 % tal-produzzjoni tal-Unjoni u tal-bejgħ irrappurtat mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw.

(26) Fit-22 ta' Diċembru 2017, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-produttur Pollakk Geyer&Hosaja, informa lill-Kummissjoni li kien iddeċieda li ma jibqax jikkoopera fl-investigazzjoni. Il-perċentwali msemmija fil-premessa (25) hawn fuq mhumiex affettwati mill-irtirar ta' dan il-produttur billi l-produzzjoni tiegħu tirrappreżenta inqas minn 0,1 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kampjun finali huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(27) Fl-aħħar nett, il-Grupp Giti afferma li l-Kummissjoni missha temmet din l-investigazzjoni immedjatament minħabba li fil-livell proċedurali l-preselezzjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni saret b'mod żbaljat. Il-Kummissjoni fakkret li s-selezzjoni proviżjonali ta' kampjun ta' produtturi tal-Unjoni hija legalment possibbli u twassal għal investigazzjoni effettiva bi skadenzi qosra. Kif intwera fil-premessi minn (21) sa (25), il-kampjun proviżorju ġie mibdul b'segwitu għall-kummenti minn partijiet interessati. Għaldaqstant, din it-talba ġiet miċħuda.

(b) *Kampjunar tal-importaturi*

(28) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil xi importaturi li mhumiex relatati biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Ħames importaturi li jimpurtaw madwar 430 000 unità li jiġu mir-RPĊ ppreżentaw ruħhom. Żewġ kumpaniji li ġew ikkunsidrati fil-kampjun jammontaw għal [70 % - 90 %] tal-importaturi li ppreżentaw il-formola tal-kampjunar.

(c) *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(29) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(30) Mad-49 produttur esportatur ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun tal-erba' produtturi li ġejjin fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli:

— Aeolus Tyre Co., Ltd; Chonche Auto Double Happiness Tyre Corp., Ltd; Qingdao Yellow Sea Rubber Co., Ltd u Pirelli Tyre Co, Ltd ("il-Grupp Aeolus");

— Xingyuan Tire Group Ltd, Co. u Guangrao Xinhongyuan Tyre Co., Ltd ("il-Grupp Xingyuan");

— Giti Tire (China) Investment Co., Ltd; Giti Tire (Anhui) Co., Ltd; Giti Tire (Fujian) Co., Ltd; Giti Tire (Hualin) Co., Ltd; Giti Tire (Yinchuan) Co., Ltd ("il-Grupp Giti");

— Shanghai Hankook Tire Sales Co., Ltd; Chongqing Hankook Tire Co., Ltd; Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd; ("Il-Grupp Hankook").

(31) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati, kif ukoll l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand: 1), l-ilmentatur, 2) CRIA u CCCMC; u 3) produttur esportatur – il-Grupp Giti.

(32) L-ilmentatur stqarr li l-kampjun propost ma kienx rappreżentattiv biżżejjed minħabba li ma ħax inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti s-segmenti differenti tal-prezz li jissejħu livelli fis-suq tat-tajers tal-Unjoni. Skont l-ilmentatur, is-segment intermedju ("il-Livell 2") kien irrappreżentat b'mod eċċessiv fil-kampjun filwaqt li l-maġġoranza assoluta tal-esportaturi Ċiniżi kienu joperaw f'segment aktar baxx ("il-Livell 3"), li ma kienx irrappreżentat biżżejjed. Għalhekk, huwa stqarr li l-kumpaniji li jesportaw fil-kampjun ma kinux se jirriflettu b'mod adegwat il-prezz medju tal-importazzjoni lejn l-Unjoni. L-ilmentatur talab li l-produtturi esportaturi fil-kampjun fil-Livell 2 jiġu sostitwiti ma' produtturi esportaturi fil-Livell 3.

(33) Fil-prinċipju, CRIA, CCCMC u l-Grupp Giti aċċettaw il-kampjun proviżorju magħżul, iżda qiesu li minħabba l-għadd kbir ta' produtturi esportaturi, ir-rappreżentattività tal-kampjun setgħet tiżdied biż-żieda ta' aktar kumpaniji.

(34) Il-Kummissjoni qieset li l-kampjun propost kien jikkonsisti minn produtturi esportaturi kemm mil-livell intermedju kif ukoll dak aktar baxx, li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-importazzjonijiet totali mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lejn l-Unjoni. Is-sostituzzjoni tal-akbar esportaturi mil-Livell 2 b'esportaturi iżgħar mil-Livell 3 ma tħallix il-kampjun rappreżentattiv, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-esportazzjonijiet totali kienu jinsabu, skont id-dejta disponibbli, fil-livell intermedju.

(35) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-kampjun proviżorju magħżul u infurmat kif xieraq lill-partijiet interessati kollha fid-19 ta' Ottubru 2017.

(36) Sussegwentement, l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Rikopertura (il-European Retreading Association, "BIPAVER") u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi ta' Tajers u Lastiku (l-European Tyre & Rubber Manufacturers Association, "ETRMA") stqarru li l-kampjun li ntgħażel fl-aħħar seta' jwassal għal żbilanċ qawwi fit-taħlita tal-prodotti bejn it-tajers tal-Livell 2 u tal-Livell 3. Fil-fehma tagħhom, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni setgħu ma jirriflettux preċiżament il-parti mill-volumi ta' importazzjoni li huma l-aktar dannużi għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, huma ħeġġew lill-Kummissjoni biex terġa' tivvaluta u temenda l-kampjun u, għall-inqas, iżżid produttur esportatur wieħed b'volumi ta' esportazzjoni sinifikanti mil-Livell 3.

(37) Il-Kummissjoni reġgħet ivvalutat mill-ġdid jekk kienx ikun prattikament fattibbli li l-kampjun jikber aktar. Hija fakkret li l-gruppi tal-produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun kienu jikkonsistu minn: (1) tlettax (13)-il entità legali li kienu involuti fil-produzzjoni u fil-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat; (2), żewġ esportaturi relatati li jinsabu barra mill-Unjoni, u (3) aktar minn 10 importaturi relatati li jinsabu fl-Unjoni. Id-dejta pprovduta minn kull waħda minn dawn l-entitajiet kellha tiġi pproċessata u vverifikata. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li aktar prodotturi esportaturi ma setgħux raġonevolment jiġu investigati fiż-żmien disponibbli.

(38) Għalhekk, il-Kummissjoni ma biddlitx il-kampjun li ntgħażel fl-aħħar, kif ikkomunikat preċedentement lill-partijiet interessati.

(39) Apparti l-erba' produtturi esportaturi fil-kampjun, għaxar produtturi esportaturi ddikjaraw li, f'każ li ma jintgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun, jixtiequ jirċievu kwestjonarju u formoli oħra ta' talba sabiex jimlewhom u b'hekk jitolbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku.

(40) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji dwar l-antidumping lill-erba' produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun; lill-10 produtturi esportaturi li talbu l-kwestjonarju u formoli ta' talba oħra, kif stabbiliti hawn fuq, kif ukoll lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(41) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-erba' produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun u mingħand 10 produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. L-ebda produttur esportatur mhux fil-kampjun ma bagħat tweġiba għall-kwestjonarju.

### 1.6. **Formoli ta' talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")**

(42) Il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talba għal TES lil żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Grupp Hankook u l-Grupp Giti, li talbu trattament ta' ekonomija tas-suq skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Hija bagħtet ukoll formoli ta' talba għal TES lill-produtturi esportaturi li kkooperaw li kienu talbuhom u ma kinux fil-kampjun. Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-formoli tat' talba għal TES mingħand żewġ kumpaniji fil-kampjun biss.

### 1.7. **Żjarat ta' verifika**

(43) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni proviżorja tad-dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— Good Year Firma Oponiarska, il-Polonja;

— Wetest, ir-Repubblika Ċeka;

— B.R.P. Pneumatici, l-Italja;

— Banden plant, in-Netherlands;

— Marangoni Spa Ltd l-Italja;

— erba' produtturi tal-Unjoni li talbu kunfidenzjalità.

Produtturi esportaturi fir-RPĊ:

— Aeolus Tyre Co., Ltd; (Jiaozuo); Chonche Auto Double Happiness Tyre Corp., Ltd; (Taiyuan) u Pirelli Tyre Co, Ltd; (Jining);

— Xingyuan Tire Group Ltd, Co. u Guangrao Xinhongyuan Tyre Co., Ltd (Dongying);

— Giti Tire (China) Investment Co., (Shanghai); Giti Tire (Anhui) Co., Ltd; (Hefei); Giti Tire (Hualin) Co., Ltd (Hualin); u l-esportatur relatat f'Singapor;

— Shanghai Hankook Tire Sales Co., Ltd (Shanghai); Chongqing Hankook Tire Co., (Chongqing) Ltd; Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd (Jiangsu); U esportatur relatat f'Seoul, il-Korea.

Produtturi f'pajjiż analogu:

— produttur anonimu f'pajjiż analogu fil-Brażil.

Importaturi relatati fl-Unjoni:

— Giti UK, Cheshire, ir-Renju Unit;

— Hankook UK, Northamptonshire, ir-Renju Unit u Hankook Germany, Neu-Isenburg, il-Ġermanja.

## 2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Prodott ikkonċernat**

(44) Il-prodott ikkonċernat huwa ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, li jkollhom b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 u li joriġinaw fir-RPĊ, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (kodiċi TARIC 4012 12 00 10). Dawn il-kodiċijiet NM u TARIC qed jingħataw biss għall-informazzjoni.

(45) Il-prodott ikkonċernat ikopri tajers pnewmatiċi, kemm ġodda kif ukoll b'wiċċ ġdid, għall-karozzi tal-linja u t-trakkijiet, li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi essenzjali.

(46) Iż-żewġ tipi ta' prodott ikkonċernati huma magħmulin mill-istess materjal (anki jekk it-teknoloġija involuta tista' tkun differenti) u għandhom struttura simili. Il-varjazzjoni fil-materja prima u l-istruttura jagħtu karatteristiċi differenti ta' prestazzjoni.

2.1.1. *Proċess ta' manifattura*

2.1.1.1. Tajers ġodda

(47) Il-proċess ta' manifattura tat-tajers ġodda għat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja jinvolvi: (1) it-taħlit tal-lastiku, (2) it-tħejjija tal-komponenti tat-tajer, (3) il-bini (ekoloġiku) tat-tajer, (4) it-twebbis (vulkanizzazzjoni) u (5) l-ispezzjoni finali. It-tajers kollha tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja huma magħmulin mill-istess materja prima bażika, jiġifieri lastiku naturali, lastiku sintetiku, azzar, iswed tal-karbonju, kimiċi u żjut kif ukoll tessuti oħra, u għandhom l-istess komponenti, jiġifieri l-wiċċ ta' kuntatt, il-ġenb, il-kejsing fuq ġewwa, il-kurdun tax-xoffa, iċ-ċinturini tal-azzar u l-wajer tal-kejsing, anki jekk hemm ċertu differenza bejn il-produtturi differenti ta' dan il-prodott.

(48) Il-proċess ta' manifattura ta' tajers ġodda tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja nstab ukoll li jinvolvi teknoloġiji differenti, li madankollu ma kellhomx impatt fuq is-sejbiet ġenerali ta' interkambjabbiltà.

2.1.1.2. Tajers b'wiċċ ġdid

(49) L-għoti ta' wiċċ ġdid lil tajer huwa essenzjalment proċess ta' riċiklaġġ fejn it-tajers użati jiġu rikostruwiti permezz tas-sostituzzjoni tal-wiċċ it-tajer fuq kejsing qadim. Il-kejsings huma elementi prinċipali tal-proċess ta' għoti ta' wiċċ ġdid, u għalhekk parti sostanzjali mill-attività ta' dawk li jagħtu wiċċ ġdid hija l-għażla u l-akkwist ta' kejsings adattati għall-għoti ta' wiċċ ġdid. Għaldaqstant, il-kejsings huma l-input prinċipali tal-proċess ta' produzzjoni u jikkostitwixxu - skont il-kwalità tagħhom - jew prodott "nofsu lest" jew inkella skart.

(50) Għal darb'oħra, dan il-proċess jista' jinvolvi diversi teknoloġiji mingħajr ma jħallu impatt fuq is-sejbiet tal-Kummissjoni dwar l-interkambjabbiltà.

2.1.2. *Użu u tipi ta' tajers*

(51) It-tajers kollha tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja jiġu prodotti f'varjetà kbira ta' tipi u daqsijiet u jinsabu fuq firxa wiesgħa ta' vetturi kummerċjali, minn trakkijiet għall-konsenja lokali u karozzi tal-linja f'ambjent urban jew reġjonali sa trakkijiet u karozzi tal-linja li jivvjaġġaw fit-tul, skont l-ispeċifikazzjonijiet tad-daqs u l-indiċi tat-tagħbija tagħhom. Huma la huma adattati biex jintużaw fuq vetturi tal-passiġġieri u lanqas fuq vetturi kummerċjali ħfief oħra, bħalma wkoll mhumiex adatti biex jintużaw fuq vetturi mhux għat-triq bħal tratturi agrikoli.

(52) Tajers għat-trakkijiet jew għall-karozzi tal-linja jinbiegħu f'żewġ tipi u f'erba' kategoriji. It-tajers bit-tubu huma għażla aktar tradizzjonali; ikollhom tubu intern, li minnu nnifsu jkollu valv, li jitqiegħed ġo t-tajer. F'tajer bla tubu, it-tajer u r-rimm tar-rota jkollhom għeluq li jżomm l-arja, bil-valv immuntat direttament fir-rimm. Il-biċċa l-kbira tat-tajers għat-trakkijiet jew il-karozzi tal-linja mibjugħin fl-Unjoni huma tajers mingħajr tubu. L-erba' kategoriji ta' tajers għat-trakkijiet jew għall-karozzi tal-linja huma: direzzjonali, għat-trazzjoni, għat-trejlers u għal kull pożizzjoni. It-tajers direzzjonali huma mfassla biex jintużaw fuq il-fus ta' quddiem biex jgħinu l-istering, iżda jistgħu jintużaw fil-pożizzjoniijet kollha fuq it-trakk jew il-karozza tal-linja, skont l-użu tal-vettura. Tajers "għat-trazzjoni" huma mfassla għas-sistema tal-mototrażmissjoni u jipprovdu trazzjoni aħjar. It-tajers għat-trejlers huma mfassla biex jiġu armati fuq it-trejlers, filwaqt li t-tajers għal kull pożizzjoni huma mfassla sabiex fuq vettura jintużaw fil-pożizzjonijiet kollha, skont l-użu tagħha.

(53) Tajers, ġodda jew b'wiċċ ġdid huma suġġetti għall-istess rekwiżiti ta' sikurezza fis-suq tal-Unjoni kif stabbilit fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2.2. **Is-segmentazzjoni tas-suq tal-Unjoni fi tliet livelli għat-tajers**

(54) It-tagħrif miġbur u rċevut mill-Kummissjoni jindika li s-suq tal-Unjoni għal tajers tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet huwa maqsum fi tliet livelli jew segmenti. Filwaqt li ma hemm l-ebda linja diviżorja ċara bejn il-livelli, hemm qbil ġenerali fost il-partijiet interessati u dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fuq il-kategorija li ġejja.

(55) It-tajers tal-Livell 1 ikopru tajers ġodda bil-marka ewlenija tal-manifatturi prinċipali. Ir-rikonoxximent tal-marka hija fattur ewlieni għat-tajers f'dan il-livell u jiġġustifika l-prezzijiet ogħla għall-prestazzjonijiet għolja mistennija kif ukoll għall-investimenti partikolarment qawwija fil-kummerċjalizzazzjoni. It-tajers bħala tagħmir oriġinali għall-manifatturi ta' trakkijiet jew ta' karozzi tal-linja ("OE1") huma primarjament inklużi f'dan il-livell. Il-kwalità

([1]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

tat-tajers tal-Livell 1 tiżgura possibbiltà għolja li jingħataw wiċċ ġdid, billi dawn huma mfasslin biex "ikollhom aktar minn ħajja waħda", fatt li jkompli jżid l-ammont diġà għoli ta' mili tal-prodott oriġinali (għal użu normali, jingħataw sa tliet uċuħ ġodda). It-tajers tal-Livell 1 huma assoċjati wkoll ma' livell ogħla ta' sikurezza u spiss ikunu akkumpanjati minn livell tajjeb ta' servizz ta' wara l-bejgħ.

(56) Il-Livell 2 ikopri l-biċċa l-kbira mit-tajers mhux primjum, li jkunu kemm ġodda u kemm b'wiċċ ġdid, bi prezzijiet li jvarjaw bejn wieħed u ieħor minn 65 % għal 80 % tal-prezz tat-tajers tal-Livell 1. It-tajers bħala tagħmir oriġinali għall-manifatturi ta' trejlers ("OE2") jistgħu jiġu inklużi f'dan il-livell. Ir-rikonoxximent tal-marka jibqa' importanti f'dan il-livell, u normalment il-marki jkunu magħrufin sew mix-xerrejja, li jkunu jistgħu jidentifikaw il-manifatturi tat-tajers ukoll. Ġeneralment, huma jkunu jistgħu jingħataw wiċċ ġdid mill-inqas darba u, għalkemm limitati aktar mit-tajers tal-Livell 1, għandhom prestazzjoni tajba f'terminu tal-ammont ta' mili.

(57) It-tajers tal-Livell 3 jkopru kemm tajers ġodda u kemm b'wiċċ ġdid b'ammonti ta' mili aktar baxxi u bil-possibbiltà limitata ħafna li jingħataw wiċċ ġdid, jekk ikollhom. Tipikament, il-prezz tagħhom ikun inqas minn 65 % tal-prezz u l-ammont ta' mili tat-tajers tal-Livell 1. F'dan il-livell, kważi ma jeżistix rikonoxximent tal-marka u l-prezz isir il-fattur li jiddetermina d-deċiżjoni tal-konsumatur dwar x'jixtri. Normalment għal dawn ma jingħatawx servizzi ta' wara l-bejgħ.

(58) Tajers b'wiċċ ġdid jistgħu jiġu kklassifikati taħt il-Livell 2 jew il-Livell 3. Filwaqt li xi tajers Ċiniżi jistgħu jingħataw wiċċ ġdid, ftit li xejn jingħataw wiċċ ġdid fiċ-Ċina. L-għoti ta' wiċċ ġdid, madankollu, huwa pjuttost mifrux fl-Unjoni u fi swieq oħrajn, pereżempju fil-Brażil. L-attività tal-għoti ta' wiċċ ġdid fl-Unjoni tikkonsisti minn:

— dawk li jagħtu wiċċ ġdid jaġixxu f'isem, il-marka jew l-awtorità ta' produttur ta' tajers ġodda. Huma jitqiesu bħala kontinwazzjoni tal-marki li jbigħu t-tajers ġodda. Dan jikkorrispondi għat-tajers tal-Livell 2.

— dawk li jagħtu wiċċ ġdid indipendentement li normalment ikopru swieq ġeografiċi u volumi iżgħar. Huma jbigħu t-tajers f'isimhom jew f'isem il-marka tagħhom stess, u jiddependu fuq l-għarfien espert tagħhom stess. Il-biċċa l-kbira minnhom huma SMEs (mill-inqas 380 kumpanija fl-Unjoni). Dan jikkorrispondi għat-tajers tal-Livell 3.

(59) Il-Kummissjoni ħarġet l-immappjar ta' tajers ġodda u b'wiċċ ġdid skont il-marka fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur, li saret disponibbli għall-partijiet interessati kollha fis-27 ta' Ottubru 2017.

### 2.3. **It-talbiet dwar is-segmentazzjoni tas-suq tal-Unjoni għat-tajers**

(60) Kif innutat fil-premessa (58), il-partijiet interessati ġeneralment jaċċettaw il-prinċipju tas-segmentazzjoni tas-suq fi tliet livelli.

(61) L-immappjar tas-suq għall-marki tat-tajers kif stabbilit fin-nota tal-fajl tas-27 ta' Ottubru 2017 skont il-livelli ġie approvat b'mod ġenerali mill-partijiet interessati, ħlief għal dawn it-talbiet minn partijiet interessati biex ċerti marki jiġu kklassifikati mill-ġdid f'livelli differenti. Speċifikament, il-Grupp Aeolus qies il-marka tiegħu Aeolus bħala waħda tal-Livell 3 (minflok tal-Livell 2); żewġ importaturi li jimportaw il-marka Double Coin sostnew li din għandha tkun ikklassifikata fil-Livell 2 (minflok fil-Livell 3); il-Grupp Hankook qies li l-marka tiegħu Aurora kienet tappartjeni għal-Livell 2 (minflok għal-Livell 3); il-Grupp Giti fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju huwa tal-fehma li d-ditta tiegħu Primewell u GT Radial kienu jappartjenu għal-Livell 2 (minflok għal-Livell 3) u importatur indipendenti stqarr li l-marka Sailun għandha tiġi kklassifikata fil-Livell 2 (minflok fil-Livell 3).

(62) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet fuq il-bażi tal-evidenza ppreżentata mill-partijiet interessati u tal-informazzjoni miġbura *ex officio* matul investigazzjonijiet. Skont il-karatteristiċi identifikati fil-premessa (49), hija analizzat il-punt sa fejn it-tajers minn marki speċifiċi jistgħu (1) jingħataw wiċċ ġdid, (2) jiġu użati bħala tagħmir oriġinali minn karozzi tal-linja u trakkijiet, u (3) jiġu kkummerċjalizzati f'ċertu livell skont il-valutazzjonijiet ta' kull kumpanija.

(63) Fir-rigward tal-Grupp Hankook, il-Kummissjoni aċċettat li tikklassifika tal-marka Aurora fil-Livell 2 kif mitlub. Madankollu, hija kkonkludiet ukoll li l-marka Hankook jenħtieġ li tiġi kklassifikata fil-Livell 1. Għall-marka tagħha Hankook, hemm garanzija legali li t-tajers tagħha jistgħu jingħataw ġdid mill-inqas darba. Barra minn hekk, din taġixxi bħala fornitur OE1 għall-kumpaniji Ewropej bħal Scania, MAN u Mercedes-Benz. Is-sit web tal-Grupp Hankook jikkummerċjalizza l-marka tiegħu bħala "premium", u dokument intern minn importatur relatat mgħoddi matul il-verifika indika li l-marka mxiet għal-Livell 1.

(64) Fir-rigward tal-Grupp Giti, il-Kummissjoni aċċettat li tikklassifika tal-marki Primewell u GT Radial fil-Livell 2 kif mitlub. Il-Kummissjoni sabet ukoll li t-tajers Giti jistgħu jingħataw wiċċ ġdid. Madankollu, l-attivitajiet ta' tagħmir oriġinali tal-Grupp Giti ma jestendux għal trakkijiet u karozzi tal-linja, iżda huma relatati ma' tajers tal-karozzi tal-passiġġieri. Barra minn hekk, il-Grupp Giti jikkonsidra l-marki tiegħu bħala tal-Livell 2. Għalhekk, il-marki tal-grupp ġew ikklassifikati fil-Livell 2.

(65) Għall-Grupp Aeolus, il-Kummissjoni aċċettat b'mod proviżorju li tikklassifika l-marka Aeolus fil-Livell 3 kif ġie mitlub mill-kumpanija, fuq il-bażi li t-tajers tagħha ġeneralment ma jistgħux jingħataw wiċċ ġdid u ma jinbigħux fis-suq OE.

(66) L-importaturi li għamlu t-talbiet dwar il-marki Double Coin u Sailun ma kinux kumpaniji fil-kampjun, u b'hekk il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-allegazzjonijiet tagħhom f'dan l-istadju. Billi ma kinux fil-kampjun, il-klassifikazzjoni tagħhom fil-Livell 2 jew 3 ma taffettwax ir-riżultat tal-investigazzjoni. Għalhekk, filwaqt li ma jintefa' l-ebda dubju dwar l-evidenza mressqa mill-importaturi dwar l-esperjenza tagħhom tal-klijenti tagħhom għat-tajers ta' dawn il-marki, il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda pożizzjoni fuq it-talbiet tagħhom f'dan l-istadju.

(67) Bosta partijiet interessati ddikjaraw li l-immappjar tal-livelli skont il-marka huwa applikabbli biss għall-Unjoni, u fi swieq oħra l-immappjar tal-livelli jista' jkun differenti ħafna. B'mod partikolari, l-immappjar tal-livelli tal-Unjoni ma jistax jiġi traspost għas-suq Ċiniż. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-immappjar skont il-marka kien użat f'din l-investigazzjoni sabiex tiġi analizzata s-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni, u ma kellha l-ebda sinifikat legali għas-swieq l-oħra.

### 2.3.1. *Talbiet għall-esklużjoni ta' prodotti*

(68) CRIA u CCCME kif ukoll il-Grupp Aeolus stqarrew li tajers ġodda jew b'wiċċ ġdid jenħtieġ li jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, minħabba li:

— tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għandhom karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi essenzjali differenti;

— tajers b'wiċċ ġdid għandhom ħajja iqsar minn tajers ġodda;

— tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għandhom użu, mezzi ta' bejgħ, applikazzjonijiet u perċezzjonijiet tal-konsumatur differenti. B'mod partikolari, tajers b'wiċċ ġdid ma' jintużawx fis-suq tat-tagħmir oriġinali u ġeneralment ma jintramawx fuq il-fus direzzjonali u fuq it-trakkijiet li jġorru oġġetti perikolużi;

— tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għandhom kodiċijiet NM differenti.

(69) Dawn il-partijiet osservaw ukoll li l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja (QtĠ), f'bosta każijiet ta' kompetizzjoni, kkonkludew li tajers ġodda u b'wiċċ ġdid jikkostitwixxu żewġ swieq rilevanti differenti f'termini tal-prezz, l-istruttura tal-forniment, l-istruttura tad-domanda, il-mezzi ta' forniment u s-sostitwibbiltà ([1]). CRIA u CCCME ġibdu ukoll l-attenzjoni li awtoritajiet ta' investigazzjoni antidumping oħra ttrattaw it-tajers ġodda u dawk b'wiċċ ġdid separatament ([2]).

(70) CRIA u CCCME saħqu li l-Kummissjoni għamlet żball fil-valutazzjoni tagħha fir-rigward tal-fatturi ta' rilevanza, billi ma ttrattatx it-tajers ġodda u dawk b'wiċċ ġdid separatament.

(71) Il-Grupp Giti sostna li t-tajers li jieħdu wiċċ ġdid jew li jkollhom aktar minn ħajja waħda jenħtieġ li jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat peress li t-tajers li jieħdu wiċċ ġdid huma aktar sofistikati minn tajers li ma jiħdux wiċċ ġdid, b'karatteristiċi tekniċi distintivi.

(72) Il-Kummissjoni sabet li l-proċess ta' għoti ta' wiċċ ġdid jippreserva l-karatteristiċi prinċipali, il-komponenti u l-istruttura prinċipali tat-tajer li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura inizjali. B'mod partikolari, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ewlenin tat-tajer, jiġifieri d-daqs, l-indiċi tat-tagħbija u l-klassifikazzjoni tal-veloċità ma jiġux immodifikati fl-istadju tal-għoti ta' wiċċ ġdid. It-tajers ġodda (li jieħdu wiċċ ġdid u dawk le) u dawk b'wiċċ ġdid huma magħmulin mill-istess materja prima, mill-istess komponenti, u għandhom struttura simili.

(73) Id-differenza prinċipali fil-karatteristiċi tekniċi bejn tajer prodott ġdid u tajer b'wiċċ ġdid li jkun mibni fuq il-kejsing tiegħu hija li tajer b'wiċċ ġdid jista' tabilħaqq ikollu ħajja iqsar, u jista' jkun li jiġi pperċepit bħala alternattiva inqas sikura. Madankollu, iseħħu eżatt l-istess differenzi fil-perċezzjoni teknika, tal-kwalità u tas-sikurezza bejn żewġ tajers ġodda minn livelli differenti. B'mod partikolari, tajers tal-livelli aktar baxxi jkollhom ukoll ammont ta' mili aktar baxx, u ma jkunux għażla preferuta għal vetturi li jridu jikkonformaw ma' standards għoljin ħafna ta' sikurezza, jiġifieri dawk li jġorru oġġetti perikolużi.

(74) Għalhekk, proviżorjament, il-Kummissjoni rrifjutat l-istqarrija li tajers ġodda (li jieħdu wiċċ ġdid u dawk le) u dawk b'wiċċ ġdid għandhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi differenti.

---

([1]) Il-Kummissjoni Ewropea, il-Każ COMP/M.4564 -BRIDGESTONE/BANDAG; Il-Każ COMP/E-2/36.041/PO. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, il-Kawża C-322/81 *Michelin vs il-Kummissjoni* ECLI: UE:C:1983:313.
([2]) L-investigazzjonijiet imsemmija kienu jolqtu lill-Istati Uniti, l-Indja, l-Eġittu u lill-Kummissjoni Ewrasjatika.

(75) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li kemm tajers ġodda kif ukoll dawk b'wiċċ ġdid jintużaw mis-sidien ta' trakkijiet jew karozzi tal-linja li, prinċipalment, ikunu attivi fis-settur tat-trasport ta' persuni jew oġġetti fit-tul jew fil-qosor. Għalhekk, l-użu finali essenzjali ta' tajers ġodda u b'wiċċ ġdid huwa l-istess. Il-Kummissjoni sabet ukoll li tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għandhom l-istess erba' tipi prinċipali ta' applikazzjoni, jiġifieri "direzzjonali", "għat-trazzjoni", "għat-trejlers" u "għal kull pożizzjoni", u huma suġġetti għall-istess rekwiżiti tas-sikurezza fuq is-suq tal-Unjoni bħal dawk stipulati fil-leġiżlazzjoni rilevanti.

(76) Għalhekk, l-istqarrija li tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għandhom applikazzjonijiet differenti ġiet irrifjutata proviżorjament.

(77) Il-Kummissjoni qablet li tajers b'wiċċ ġdid huma differenti minn tajers ġodda tal-Livell 1, sal-punt li huma ma jinbigħux fis-suq tat-tagħmir oriġinali. Il-Kummissjoni sabet ukoll li eżattament l-istess huwa minnu għat-tajers tal-Livell 3, u fil-biċċa l-kbira għall-marki tal-Livell 2, li lanqas ma jinbiegħu fis-suq tat-tagħmir oriġinali.

(78) Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat proviżorjament l-istqarrija li tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għandhom kanali ta' bejgħ differenti.

(79) Rigward id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni u s-sentenza tal-QtĠ ([1]) fejn t-tajers b'wiċċ ġdid instab li huma suq separat tal-prodotti, dan huwa irrilevanti għad-definizzjoni tal-prodott fl-investigazzjonijiet ta' difiża kummerċjali. Id-definizzjoni tas-swieq f'każ ta' fużjoni tiffoka fuq is-sostituzzjoni min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista ([2]). F'investigazzjoni antidumping, is-suq huwa ddefinit mill-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(80) Rigward l-argument dwar id-definizzjoni tal-prodott f'każijiet ta' antidumping f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni indikat li d-definizzjoni tal-prodott taqa' fil-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tal-awtorità ta' investigazzjoni fi kwistjonijiet ta' difiża kummerċjali ([3]). Għalhekk, il-mod li bih l-awtoritajiet investigattivi f'pajjiżi terzi użaw id-diskrezzjoni tagħhom f'dan ir-rigward ma jistax jillimita l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

(81) Ġie sottomess ukoll li l-prodott ikkonċernat jenħtieġ li ma jkunx kopert minn diversi kodiċijiet NM. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni, l-ewwel, li huwa komuni ħafna li prodott uniku kkonċernat ikun kopert minn bosta kodiċijiet NM. Dan jiġri b'mod naturali minħabba t-tifsila tan-Nomenklatura Magħquda. Barra minn hekk, in-Notifika ta' Bidu ddikjarat b'mod ċar li l-kodiċijiet NM ingħataw għall-informazzjoni biss. It-tieni, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza fattwali u l-Kummissjoni lanqas ma sabet informazzjoni li l-prodott ikkonċernat ġie definit b'tali mod li tajers impurtati ttrattati mill-ġdid jew ġodda ma setgħux jinstabu proviżorjament li jikkostitwixxu alternattivi, u jikkompetu direttament ma' tajers ġodda u b'wiċċ ġdid prodotti fl-Unjoni. L-istess japplika għall-perċezzjonijiet tal-produtturi u tal-konsumaturi, għall-mezzi ta' distribuzzjoni, jew għal fatturi oħra rigward l-eżistenza ta' kategorija waħda jew kategoriji multipli ta' prodotti apparagun tad-divrenzjar bejn tajers ġodda u b'wiċċ ġdid għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

(82) Fl-aħħar nett, il-partijiet interessati sostnew li, minħabba s-segmentazzjoni tas-suq fl-Unjoni, it-tajers b'wiċċ ġdid huma meqjusa li huma ta' kwalità inferjuri mit-tajers ġodda tal-Livell 1, anki jekk dawn isiru fuq il-kejsing tat-tajers tal-Livell 1.

(83) Il-Kummissjoni aċċettat din l-affermazzjoni li hija konformi mal-immappjar tal-livelli stabbiliti għal din l-investigazzjoni, u kkunsidrat tajers b'wiċċ ġdid fil-Livelli 2 u 3.

## 2.4. **Prodott simili**

(84) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi, kif ukoll l-istess użu bażiku:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Brażil, li serva proviżorjament bħala pajjiż analogu;

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

([1]) Il-Kummissjoni Ewropea, il-Każ COMP/M.4564 -BRIDGESTONE/BANDAG; Il-Każ COMP/E-2/36.041/PO. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, il-Kawża C-322/81 *Michelin vs il-Kummissjoni* ECLI: UE:C:1983:313.
([2]) Il-Kummissjoni Ewropea, il-Każ COMP/M.4564 -BRIDGESTONE/BANDAG, paġna 4.
([3]) L-Awtorità tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenza tat-17 ta' Marzu 2016, il-Kawża C-232/14, *Portmeirion Group*, ECLI:EU:C:2016:180, fil-paragrafi 47 *et seq*.

(85) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawk il-prodotti huma għalhekk simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **DUMPING**

### 3.1. **Valur normali**

#### 3.1.1. *Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")*

(86) Skont l-Artikolu 2(7)(a) u (b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni trid tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, fil-każ ta' importazzjonijiet li ma għandhomx ekonomija tas-suq, dment li l-esportatur ma jurix li huwa jopera taħt kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq.

(87) Is-CCCMC u s-CRIA stqarrew li wara l-iskadenza tal-paragrafu 15(a)(ii) tal-Protokoll dwar l-Adeżjoni tar-RPĊ fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (World Trade Organisation, "WTO") fil-11 ta' Diċembru 2016, ir-regoli ġenerali għad-determinazzjoni tal-valur normali jenħtieġ li japplikaw għall-esportaturi Ċiniżi. F'dan ir-rigward, huma stqarrew li l-użu ta' metodoloġija ta' ekonomija mhux tas-suq biex tintlaħaq determinazzjoni wara l-11 ta' Diċembru 2016 imur kontra l-obbligi tal-Unjoni fil-konfront tal-WTO. Huma allegaw li l-valur normali ma jistax ikun ibbażat fuq pajjiż analogu, iżda għandu jkun ibbażat fuq id-dejta tal-bejgħ u tal-ispejjeż Ċiniżi.

(88) In-Notifika ta' Bidu ġiet ippubblikata fil-11 ta' Awwissu 2017. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli għal din il-proċedura huwa r-Regolament bażiku fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien ta' tnedija. Għaldaqstant il-valur normali għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 2(7)(a) u (b) tar-Regolament bażiku kif applikabbli fid-data ta' bidu ta' din l-investigazzjoni f'Awwissu 2017. Għalhekk, it-talbiet li saru mis-CCCMC u l-CRIA huma rrifjutati.

(89) Fil-qosor, u għall-ħeffa ta' referenza biss, il-kriterji tat-TES huma kif ġej:

— id-deċiżjonijiet kummerċjali jsiru b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq u mingħajr interferenza sinifikanti mill-Istat, u l-kostijiet jirriflettu l-valuri tas-suq;

— id-ditti jkollhom sett ċar ta' records kontabilistiċi bażiċi li jiġu awditjati indipendentement, f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u jiġu applikati għall-għanijiet kollha;

— ma jkunx hemm distorsjonijiet sinifikanti dderivati mis-sistema ekonomika preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;

— iċ-ċertezza u l-istabbiltà legali jiġu pprovduti permezz tal-liġijiet dwar il-fallimenti u dwar il-proprjetà; u

— il-kambju tal-munita jsir skont ir-rata tas-suq.

(90) Biex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kriterji tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni neċessarja billi talbet lill-produtturi esportaturi jimlew il-formola ta' talba tat-TES. Tnejn mill-erba' kumpaniji fil-kampjun li kkooperaw, il-Grupp Giti u l-Grupp Hankook talbu TES u wieġbu qabel id-data tal-għeluq. Għalhekk twettqet id-determinazzjoni tat-TES fir-rigward taż-żewġ kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li ġejjin.

(91) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha li hija qieset neċessarja, u vverifikat l-informazzjoni kollha ppreżentata fit-talbiet għal TES fl-uffiċċji tal-entitajiet legali l-kbar taż-żewġ gruppi.

(92) F'każijiet ta' partijiet relatati, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-grupp tal-kumpaniji relatati kollu kemm hu ssodisfax il-kundizzjonijiet għal TES. Għalhekk, f'każijiet fejn kumpanija sussidjarja jew kwalunkwe kumpanija oħra relatata mal-applikant fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jkunu involuti, direttament jew indirettament, fil-produzzjoni jew il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, l-eżami tat-TES sar fir-rigward ta' kull kumpanija individwalment kif ukoll fir-rigward tal-grupp ta' kumpaniji kollu kemm hu.

(93) Iż-żewġ gruppi sostnew li TES ma rnexxilux juri li huma kienu jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku.

(94) B'mod aktar speċifiku, iż-żewġ gruppi naqsu milli juru, individwalment jew bħala grupp, li kellhom sett uniku u ċar ta' kontijiet li kienu awditjati b'mod indipendenti, f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, u għalhekk ma ssodisfawx il-kriterju 2 tat-TES.

(95) Barra minn hekk, iż-żewġ gruppi ma rnexxilhomx juru li huma ma kinux suġġetti għal distorsjonijiet sinifikanti riportati mis-sistema ta' ekonomija mhux tas-suq ta' qabel. Għaldaqstant, dawn il-kumpaniji jew grupp ta' kumpaniji ma ssodisfawx il-kriterju 3 tat-TES. B'mod aktar speċifiku, iż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi bbenefikaw minn reġimi preferenzjali tat-taxxa.

(96) Barra minn hekk, il-Grupp Hankook ma rnexxilux juri li ma hemmx interferenza sinifikanti mill-Istat u li l-kostijiet ta' inputs kbar jirriflettu l-valur tas-suq b'mod sostanzjali. Għalhekk, il-Grupp ma rnexxilux juri li huwa kien jissodisfa l-kriterju 1 tat-TES.

(97) Il-Kummissjoni żvelat is-sejbiet liż-żewġ produtturi esportaturi kkonċernati, lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u lill-industrija tal-Unjoni. Xi partijiet interessati kkummentaw dwar is-sejbiet. Il-Grupp Hankook argumenta li l-interferenzi tal-Istat li nsabu taħt il-kriterju 1 ma kinux sinifikanti. Iż-żewġ gruppi qiesu li nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontabbiltà rispettivi tagħhom ma kinux importanti. Huma ddikjaraw ukoll li r-reġim preferenzjali tat-taxxa taħt il-kriterju 3 tat-TES ma jikkostitwixxux distorsjoni sinifikanti.

(98) Dawn il-kummenti ma poġġewx fid-dubju s-sejbiet tal-fatti, iżda esprimew biss il-kwalifika legali alternattiva. Madankollu, minħabba l-kobor u l-gravità tal-problemi misjuba taħt it-tliet kriterji kollha, dawn il-kummenti ma kinux tali li setgħu jbiddlu s-sejbiet tal-Kummissjoni.

(99) Wara li infurmat lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, fid-9 ta' April 2017 l-applikanti kollha ġew infurmati individwalment u formalment dwar id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni rigward it-talbiet rispettivi tagħhom għal TES.

(100) Għaldaqstant, la l-Grupp Giti u lanqas il-Grupp Hankook ma setgħu juru li jissodisfaw l-kriterji kollha tat-TES stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, u għaldaqstant ma setgħux jingħataw TES.

3.1.2. *Pajjiż analogu*

(101) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi kollha ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Għal dan l-iskop, kellu jintgħażel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu").

(102) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni infurmat lil partijiet interessati li qieset lill-Istati Uniti bħala pajjiż analogu xieraq u stiednet partijiet interessati biex jikkummentaw.

(103) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand tliet partijiet interessati rigward l-għażla tal-pajjiż analogu:

— CRIA/CCCMC;

— il-Grupp Giti;

— l-ilmentatur.

(104) Kemm CRIA/CCCMC u l-Grupp Giti ppreżentaw l-argument li l-Istati Uniti mhuwiex pajjiż analogu. Huma qiesu wkoll li l-Ġappun u l-Korea (għalkemm mhux sal-istess punt) mhumiex pajjiżi xierqa, filwaqt li t-Tajlandja tkun il-pajjiż analogu l-aktar xieraq. Il-Grupp Giti ppreżenta wkoll l-argument li t-Turkija ma setgħetx tkun pajjiż xieraq minħabba l-preżenza ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ u aċċess differenti għall-materja prima. CRIA/CCCMC stiednu lill-Kummissjoni biex tikkuntattja lil produtturi f'pajjiżi analogi possibbli, fit-Turkija, fit-Tajlandja, fil-Brażil u fir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu ("l-Eġittu").

(105) L-ilmentatur oġġezzjona għat-Tajlandja bħala pajjiż analogu u tenna l-fehma tiegħu li l-Istati Uniti tal-Amerka huwa l-pajjiż analogu l-aktar xieraq.

(106) Il-Kummissjoni kisbet dettalji ta' kuntatt affidabbli għal 22 produttur minn tmien pajjiżi (l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Korea, it-Turkija, l-Indja, it-Tajlandja, l-Afrika t'Isfel u l-Brażil). Hija kkuntattjat lil dawk it-22 kumpanija u stednithom jikkooperaw bħala produtturi ta' pajjiż analogu, u rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju minn erba' produtturi fl-Istati Uniti, fit-Tajlandja, fl-Afrika t'Isfel u fil-Brażil (produttur f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi).

(107) It-tweġiba għall-kwestjonarju minn produttur wieħed fl-Istati Uniti tal-Amerka ma kienx fiha informazzjoni li tikkonforma mal-kwestjonarju u l-produttur ma kienx lest jipprovdi l-informazzjoni nieqsa. Fid-dawl ta' din it-tweġiba inkompluta, il-Kummissjoni eskludiet lill-Istati Uniti tal-Amerika mill-analiżi tagħha.

(108) B'mod simili, il-Kummissjoni eskludiet ukoll lit-Tajlandja bħala pajjiż analogu potenzjali. Hawnhekk, it-tweġiba għall-kwestjonarju minn produttur wieħed fit-Tajlandja kienet indikat li l-volum tal-produzzjoni tiegħu kienet estremament żgħira (inqas minn 10 000 unità), u li dan il-produttur kien jimmanifattura biss tajers li jieħdu tubu. Il-Kummissjoni kkunsidrat li d-dejta minn dan il-produttur ma tipprovdi l-ebda paragun sinifikanti minħabba nuqqas ta' rappreżentattività, billi l-maġġoranza tat-tajers mibjugħa fis-suq tal-Unjoni huma mingħajr tubu.

(109) Il-Kummissjoni rċeviet tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju minn produttur wieħed fl-Afrika t'Isfel. Il-produzzjoni domestika totali fl-Afrika t'Isfel hija limitata għal inqas minn 200 000 unità fis-sena, li jirrappreżentaw madwar 2 % biss tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni. Il-konsum domestiku huwa ta' 1,3 miljun unità. L-importazzjonijiet totali jammontaw għal 90 % tal-konsum domestiku. Għalkemm ma hemmx stabbiliti dazji għad-difiża tal-kummerċ, id-dazju doganali regolari huwa relattivament għoli: Mal-25 % għall-biċċa l-kbira mill-pajjiżi fid-dinja u 15 % għall-Unjoni. L-Afrika t'Isfel hija kumparabbli mar-RPĊ, f'termini tal-livell ta' żvilupp ekonomiku.

(110) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rċeviet tweġiba sħiħa waħda għall-kwestjonarju minn produttur wieħed fil-Brażil.

(111) Il-Brażil għandu produzzjoni sinifikanti (7,1 miljun unità), li huwa aktar mit-total tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni (4,59 miljun unità). Il-konsum domestiku tal-Brażil huwa kważi ta' 7 miljun unità. L-importazzjonijiet totali - madwar miljun unità - jammontaw għal madwar 15 % tal-konsum Brażiljan. L-esportazzjonijiet totali huma 900 000 unità. Il-volumi tal-produttur li kkoopera (aktar minn miljun unità) huma rappreżentattivi biżżejjed biex jiġi stabbilit il-valur normali. Il-produtturi fil-Brażil u fir-RPĊ għandhom kundizzjonijiet simili ta' aċċess għall-materja prima, billi ż-żewġ pajjiżi huma produtturi ta' lastiku naturali. Fl-aħħhar nett, il-Brażil huwa kumparabbli mar-RPĊ, f'termini tal-livell ta' żvilupp ekonomiku. Filwaqt li l-Brażil għandu dazji għad-difiża tal-kummerċ stabbiliti fil-konfront ta' bosta pajjiżi terzi, xorta waħda għad hemm importazzjonijiet sinifkanti tal-prodott ikkonċernat kif stabbilit hawn fuq.

(112) Il-Kummissjoni qieset li kemm l-Afrika t'Isfel kif ukoll il-Brażil setgħu jintużaw bħala pajjiż analogu. Minħabba li l-produzzjoni domestika fl-Afrika t'Isfel kienet konsiderevolment iżgħar milli fil-Brażil, kemm f'termini relattivi kif ukoll assoluti, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħżel lill-Brażil bħala l-pajjiż analogu l-aktar xieraq, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.3. *Valur normali*

(113) L-informazzjoni riċevuta mingħand il-produtturi li kkooperaw fil-pajjiż analogu ntużat bħala bażi biex jiġi ddeterminat il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(114) Xi tipi ta' prodotti mmanifatturati fil-pajjiż analogu ma setgħux jitqabblu mat-tipi ta' prodotti esportati mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni, minħabba li l-produttur tal-pajjiż analogu ma mmanifatturax id-dimensjonijiet u t-tipi kollha ta' tajers li ġew esportati fl-Unjoni. Għalhekk, il-valur normali għat-tip ta' prodott li ma jaqbilx kellu jinħadem skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-kostijiet tal-manifattura tal-produttur tal-pajjiż analogu flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (selling, general and administrative, "SG&A") u għall-profitti.

(115) Il-Kummissjoni kkalkulat il-kost medju tal-manifattura (Cost of Manufacturing, "COM") għal kull kg, għal kull pożizzjoni tat-tajer - fuq quddiem, għat-trazzjoni, għal kull pożizzjoni jew għat-trejlers, għal kull livell rispettiv (l-ewwel, it-tieni jew it-tielet) u għal kull tip ta' tajer (bla tubu u bit-tubu), fuq il-bażi ta' dejta vverifikata marbuta mal-ispiża tal-produzzjoni tal-produttur Brażiljan. Din il-medja tal-COM kienet fil-medda ta' CNY 20,03/kg u CNY 21,29/kg. Il-Kummissjoni bniet il-valur ta' kull Numru tal-Kodiċi tal-Prodotti li ma jaqbilx esportat mill-produtturi Ċiniżi billi mmultiplikat il-piż medju tiegħu bil-COM medju għal kull pożizzjoni, tip u livell tat-tajer. Il-Kummissjoni mbagħad żiedet ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (35 - 45 % tal-COM) fuq il-bażi ta' dejta effettiva li tirrigwarda l-produzzjoni u l-bejgħ, kif stipulat fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett żiedet ammont raġonevoli ta' profitt (23 – 28 % tal-COM) billi użat il-marġni ta' profitt medju ta' bejgħ tal-prodotti profittabbli.

3.2. **Prezz tal-esportazzjoni**

(116) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew inkella permezz ta' kumpaniji mhux relatati li jaġixxu bħala importaturi.

(117) Fil-każ li l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li verament tħallas jew dak li kien pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(118) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importaturi, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dawn il-każijiet, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-ispejjeż kollha li ġġarrbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A, u għall-profitti.

(119) Fir-rigward ta' sussidjarja waħda tal-Grupp Aeolus, (Pirelli Tyre Co., Ltd), il-Kummissjoni ma rċevietx sal-iskadenza stabbilita d-dejta meħtieġa sabiex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni. Fit-23 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni informat lill-kumpanija li l-kwestjonarji pprovduti mill-importaturi relatati tagħha ma kinux

kompluti u ntalbet biex it-tweġibiet għall-kwestjonarji jiġu riveduti u ppreżentati mill-ġdid. Il-kumpanija kienet infurmata li jekk tonqos milli tipprovdi informazzjoni sħiħa u preċiża sal-iskadenza stabbilita, il-Kummissjoni tista' terġa' lura għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Fl-4 ta' April 2018 il-kumpanija inkwistjoni tat it-tweġibiet riveduti. Madankollu, il-Kummissjoni xorta qisithom bħala mhux kompluti u għalhekk ma setgħux jiġu utilizzati bl-iskop li jiġu analizzati d-dumping u d-dannu. B'riżultat ta' dan il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni tad-dumping fuq l-informazzjoni vverifikata minn kumpaniji oħra verifikati tal-Grupp Aeolus, jiġifieri Aeolus Tyre u Chonche Auto Double Happiness Tyre. Il-Grupp Aeolus ġie mistieden biex jaġġorna d-dejta dwar Pirelli għall-bqija tal-proċedura.

### 3.3. **Tqabbil**

(120) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fuq bażi ex-works. Il-marġnijiet tad-dumping ġew stabbiliti permezz ta' paragun tal-prezzijiet individwali mill-fabbrika tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun mal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-produttur tal-pajjiż analogu jew mal-valur normali maħdum skont kif xieraq.

(121) Sabiex ikun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konsiderazzjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kumparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dawn l-aġġustamenti li ġejjin fil-prezz tal-esportazzjoni u fil-valur normali bl-użu tad-dejta mogħtija mill-esportaturi fil-kampjun u mill-produttur tal-pajjiż analogu fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju u matul iż-żjara ta' verifika: l-ispejjeż relatati tat-trasport marittimu tal-prodott ikkonċernat bħad-dispaċċ tal-merkanzija bl-art u bil-baħar, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari (8-18 %); spejjeż bankarji u spejjeż ta' kreditu (0 - 1 %); garanziji u skontijiet (2 - 3 %); tassazzjoni indiretta (4 %). Fl-aħħar nett għal wieħed mill-produtturi esportaturi, saru aġġustamenti għall-kummissjonijiet li kien ħallas lill-kumpanija prinċipali tiegħu (2 - 5 %).

### 3.4. **Marġni tad-dumping**

(122) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju pponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju pponderat tat-tip korrispondenti għall-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(123) Il-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun kien stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġini ġie kkalkulat bħala medja ponderata fuq il-bażi tal-marġnijiet stabbiliti għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(124) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni fir-RPĊ. Dan tkejjel billi ġie evalwat il-proporzjon tal-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi li kkooperaw lejn l-Unjoni mill-volum totali ta' esportazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni.

(125) Il-livell ta' kooperazzjoni kien għoli. Għaldaqstant, il-marġini ta' dumping residwu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ ġie proviżorjament stabbilit fuq livell li jikkorrispondi għall-ogħla marġini ta' dumping misjub għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw.

(126) Il-marġnijiet proviżorji ta' dumping espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni proviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| Il-Grupp Xingyuan | 166,7 |
| Il-Grupp Giti | 98,7 |
| Il-Grupp Aeolus | 151,2 |
| Il-Grupp Hankook | 80,4 |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw | 110,3 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 166,7 |

## 4. DANNU

### 4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(127) Il-prodott simili kien immanifatturat minn aktar minn 380 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn il-produtturi jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(128) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal madwar 20,9 miljun tajer. Il-Kummissjoni stabbilixxiet iċ-ċifra totali tal-produzzjoni tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dejta miksuba matul l-investigazzjoni. Kif indikat fil-premessa (24), 10 produtturi tal-Unjoni fil-kampjun finali jirrappreżentaw aktar minn 36 % tal-produzzjoni tal-Unjoni u l-bejgħ irrapportat mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw tal-prodott simili. Għalhekk, l-indikaturi mikroekonomiċi ġew eżaminati fuq il-bażi tad-dejta miksuba mit-tweġibiet ta' dawn l-10 produtturi tal-Unjoni.

(129) Il-produzzjoni tal-Unjoni hija frammentata bejn gruppi kbar ta' kumpaniji u aktar minn 380 SME fl-Unjoni. Il-kumpaniji l-kbar jiffurmaw madwar 90 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni u 85 % tal-bejgħ tal-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni. L-SMEs huma involuti fil-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid u jkopru l-10 % li jifdal tal-produzzjoni tal-Unjoni u 15 % tal-bejgħ tal-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni.

(130) Produtturi fil-kampjun instab li jimportaw u jbigħu mill-ġdid il-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni mir-RPĊ. Madankollu, bi tqabbil mal-bejgħ totali tagħhom, l-importazzjonijiet jibqgħu marġinali u ma jaffettwawx il-kwalifika tagħhom bħala produtturi tal-Unjoni.

### 4.2. Konsum tal-Unjoni

(131) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ETRMA, tad-dejta tal-importazzjoni mill-Eurostat irrappurtata taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u 4012 12 00 u l-informazzjoni li waslet mingħand fornituri tal-fibri.

(132) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 1*

**Il-konsum tal-Unjoni (f'unitajiet)**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni | 20 248 578 | 20 782 365 | 21 452 278 | 21 590 193 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *102,6* | *105,9* | *106,6* |

*Sors*: L-ETRMA, il-Comext tal-Eurostat u l-fornituri tal-fibri.

(133) Il-konsum tal-Unjoni żdied matul il-perjodu kkunsidrat. Kumplessivament, matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum żdied b'6,6 % minn madwar 20,2 miljun tajer għal madwar 21,6 miljun tajer fil-Perjodu Investigattiv.

### 4.3. Sfond rigward is-suq tal-Unjoni

#### 4.3.1. *Deskrizzjoni ġenerali*

(134) Is-suq tal-Unjoni għat-tajers tat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja huwa suq kompetittiv ħafna, b'bosta produtturi u marki.

(135) Is-suq tal-Unjoni huwa maqsum bejn il-bejgħ tat-tagħmir oriġinali għall-manifatturi tat-trakkijiet jew tal-karozzi tal-linja u s-suq tal-parts. Id-domanda fis-suq għal tajers tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja fis-settur tat-tagħmir oriġinali huwa xprunat mill-produzzjoni ta' trakkijiet u ta' karozzi tal-linja filwaqt li fis-settur ta' wara l-bejgħ huwa influwenzat minn ħafna fatturi, inkluża l-attività ekonomika, il-bejgħ, id-daqs, il-kompożizzjoni u l-użu ta' trakkijiet jew karozzi tal-linja u l-flotot ta' vetturi fis-servizz. Il-bejgħ tal-importazzjonijiet Ċiniżi huwa kkonċentrat prinċipalment fis-suq tal-parts.

(136) Madwar 17 % tal-konsum totali tal-Unjoni huwa tagħmir oriġinali mibjugħ lil manifatturi tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja. Il-bqija tal-bejgħ tat-tajers tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja fl-Unjoni qed iseħħ bħala tajers li jiġu sostitwiti direttament jew indirettament mis-sidien tat-trakkijiet jew tal-karozzi tal-linja. It-tajers ta' sostituzzjoni jkopru firxa usa' ta' tajers u jinbiegħu permezz ta' firxa wiesgħa ta' kanali differenti bi strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni differenti. It-tajers ta' sostituzzjoni jistgħu jinbiegħu direttament lill-klijenti finali jew permezz tad-distributuri relatati jew mhux relatati li mbagħad jerġgħu jbigħu lill-utenti finali.

(137) Il-kanali ewlenin ta' bejgħ huma l-bejgħ lil distributuri li jerġgħu jbigħu lil sidien ta' flotot ta' vetturi jew il-bejgħ dirett lil sidien ta' flotot, xi kultant flimkien ma' servizzi (ta' kontroll, ta' manutenzjoni, servizzi).

(138) Il-marki jinfluwenzaw ukoll il-prezz li l-klijenti huma lesti li jħallsu għal tajers tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja. Il-marki huma ta' spiss marbuta mal-perċezzjoni tal-kwalità u tas-servizz, u togħla għat-tajers ta' kwalità għolja.

4.3.2. *Interkonnessjoni bejn tajers ġodda u dawk b'wiċċ ġdid*

(139) Il-Kummissjoni hija determinata li l-produtturi prinċipali tal-Unjoni kkonċentrati fil-Livell 1 u 2, fejn it-tajers kienu/huma mfasslin biex ikollhom ċiklu tal-ħajja twil u biex ikunu jistgħu jingħataw wiċċ ġdid. Dan jiġġustifka prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti (u marġini ta' profitt) għal prestazzjonijiet għolja mistennija mit-tajers tal-Livelli 1 u 2.

(140) L-investigazzjoni wriet li produtturi akbar tal-Unjoni jikkummerċjalizzaw b'mod attiv li t-tajers tagħhom jieħdu wiċċ ġdid, biex joħolqu lealtà lejn il-marka u jiddistingwu lilhom infushom minn importazzjonijiet bi prezz aktar baxx ta' tajers tal-Livell 3. Bħala tali, l-investigazzjoni wriet li parti kbira mill-valur attribwit lit-tajers tal-Livelli 1 u 2 joriġina mill-eżistenza ta' industrija tat-trajers b'wiċċ ġdid fil-Livell 3.

(141) L-interkambjabbiltà ta' tajers b'wiċċ ġdid u ġodda, madankollu, tagħmel ukoll il-Livell 3 l-iżjed vulnerabbli għal importazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat bi prezzijiet baxxi. Dan huwa minnu b'mod partikolari meta wieħed iqis li l-utenti jkunu konxji li, bħala prestazzjoni, it-tajers b'wiċċ ġdid u t-tajers ġodda ta' kwalità baxxa ma jkunux ferm differenti. Din l-interkambjabbiltà min-naħa tagħha, tistabbilixxi l-prezz bħala l-fattur determinanti fid-deċiżjoni tal-konsumatur li jixtri tajer b'wiċċ ġdid jew tajers ġodda tal-Livell 3.

(142) Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-valutazzjoni preliminari u biex jipprovdu informazzjoni li ssostni jew tikkontradixxi din l-analiżi sabiex tasal kemm jista' jkun possibbli għal stampa sħiħa fl-istadju finali ta' din l-investigazzjoni.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(143) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum ta' importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni fit-Tabella 1.

(144) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

*Tabella 2*

**Volum ta' importazzjonijiet (f'tunnellati) u s-sehem mis-suq**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (f'unitajiet) | 3 471 997 | 3 840 290 | 4 420 368 | 4 596 098 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *110,6* | *127,3* | *132,4* |
| Sehem mis-suq (%) | 17,1 | 18,5 | 20,6 | 21,3 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *107,8* | *120,2* | *124,1* |

*Sors*: Eurostat (Comext).

(145) Fuq il-bażi tal-Eurostat, il-volumi ta' importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu bi 32 % matul il-perjodu kkunsidrat, minn madwar 3,5 miljun tajer fl-2014 għal madwar 4,6 miljun tajer fil-perjodu tal-investigazzjoni. Dan irriżulta f'żieda tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi, f'suq li qiegħed jikber, minn 17,1 % għal 21,3 %.

4.4.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(146) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun.

(147) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

*Tabella 3*

**Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/unità)**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| RPĊ | 144,4 | 144,3 | 127,7 | 128,8 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *99,9* | *88,4* | *89,1* |

*Sors*: Eurostat (Comext).

(148) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni naqsu bi 11 %.

4.4.3. *Twaqqigħ tal-prezz*

(149) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet medji pponderati tal-bejgħ, għal kull tip ta' prodott u segment tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li jintalbu lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works; u

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott u segment tal-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' spiża, assigurazzjoni, merkanzija (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni.

(150) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq il-bażi tat-tipi ta' tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament debitu fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-industrija tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġini tat-twaqqigħ medju peżat ta' bejn il-21 % u l-31 % mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiż kkonċernati fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-marġini tat-twaqqigħ medju peżat fit-tliet livelli nstab li kien sinifikanti: 24 % għal-Livelli 1 u 2 u bejn 21 % u 31 % għal-Livell 3. Il-livell ta' twaqqigħ sostanzjali fil-prezz juri l-effett qawwi ta' dumping f'dan il-każ.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(151) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-prodotti li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(152) Kif intqal fil-premessi minn (19) sa (27), il-kampjunar intuża għas-sejbien tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(153) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi tad-dannu. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-dejta fl-ilment, fl-istatistika tal-Eurostat, fis-sottomissjonijiet tal-ETRMA fejn kien xieraq, biex tiżgura li d-dejta tirrigwarda lill-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-dejta inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u fis-sottomissjonijiet tal-ETRMA. Id-dejta kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' dejta nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(154) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività u d-daqs tal-marġni tad-dumping.

(155) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kostijiet unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

(156) Hemm żewġ kummenti rigward il-metodoloġija użata għall-analiżi tal-indikaturi tad-dannu.

(157) Kif jissemma fil-premessa (23), il-produtturi tal-Unjoni huma magħmulin minn żewġ kategoriji ta' kumpaniji, f'terminu ta' daqs: kumpaniji kbar u SMEs (frammentati ħafna), li jirrappreżentaw 85 % u 15 % rispettivament tal-bejgħ totali tal-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni fl-2016. Madankollu, bħala riżultat tat-teħid ta' kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni, id-dejta dwar il-bejgħ tal-SMEs fil-kampjun kienet tirrappreżenta madwar 4 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel ponderazzjoni tar-riżultati tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun skont x'sehem mis-suq għandha kull kategorija ta' kumpaniji. Billi l-SMEs huma attivi biss fis-segment tal-Livell 3, dan l-aġġustament kellu bħala konsegwenza diretta li jżid is-sehem tal-bejgħ tal-Livell 3 fis-sett ta' dejta li ġiet mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(158) Barra minn hekk, it-total tal-bejgħ tal-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni kien maqsum bejn it-tliet livelli fil-proporzjonijiet li ġejjin: Livell 1: 51 %, Livell 2: 23 %, u Livell 3: 26 %. Madankollu, d-dejta tal-bejgħ tal-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, anki wara l-aġġustament spjegat fil-premessa (161), ma rreflettietx il-proporzjon reali tal-bejgħ tal-Unjoni għal kull livell. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippondera r-riżultati tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun skont is-sehem ta' kull livell fil-bejgħ totali tal-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni biex tiżgura li t-tliet livelli kienu rrappreżentati skont x'sehem kellhom fil-bejgħ totali tal-Unjoni fil-mikroindikaturi kollha.

(159) Bosta partijiet iddikjaraw li jekk il-Kummissjoni ssegwi s-segmentazzjoni skont it-tliet livelli, d-determinazzjoni tad-dannu għandha ssir ukoll fuq il-grad ta' livelli. B'mod partikolari, l-istatus tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll l-impatt tal-importazzjonijiet kellhom jiġu evalwati fuq il-bażi tal-livell, pereżempju l-impatt tal-importazzjonijiet tal-Livell 2 (kemm miċ-Ċina kif ukoll minn pajjiżi oħra) jeħtieġ li jiġi vvalutat fil-Livell 2 għall-produtturi tal-Unjoni.

(160) Il-Kummissjoni kkunsidrat li minkejja s-segmentazzjoni tas-suq tal-Unjoni, it-tajers kif definiti fil-premessa (78) għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u huma interkambjabbli. B'konsegwenza ta' dan, id-determinazzjoni tad-dannu saret għall-prodott ikkonċernat f'konformità mal-Ftehim Antidumping tad-WTO. B'mod partikolari l-Korp tal-Appell sab li "meta l-awtoritajiet li jinvestigaw jagħmlu eżami ta' parti waħda tal-industrija domestika, huma jenħtieġ li, fil-prinċipju, jeżaminaw, bl-istess mod, il-partijiet l-oħra kollha li jiffurmaw l-industrija, kif ukoll jeżaminaw l-industrija kollha kemm hi" ([1]). Għalhekk, analiżi segmentali hija possibbli skont il-liġi tad-WTO, imma trid tkun akkumpanjata minn analiżi tal-industrija kollha. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali aċċettat li l-analiżi tad-dannu tista' tiffoka fuq il-livell l-aktar affettwat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ([2]).

(161) Il-Kummissjoni għaldaqsant wettqet l-analiżi ta' ċerti indikaturi fil-grad ta' livell. Kif jidher fil-premessi minn (212) sa (216), din l-analiżi kkonfermat li b'mod ġenerali l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu u li x-xejriet tal-prodott ikkonċernat, meqjus bħala ħaġa waħda b'mod ġenerali, jikkorrispondu ma' dawk għal-livelli meqjusa separatament.

(162) Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni hija analizzata fuq bażi aggregata u, f'ċerti indikaturi mikroekonomiċi, anke fil-grad tal-livelli, minħabba s-segmentazzjoni tas-suq tal-Unjoni.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(163) Il-produzzjoni totali, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità stmati tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 4*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (f'unitajiet) | 20 722 065 | 20 199 411 | 20 496 669 | 20 863 087 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *98* | *99* | *101* |

([1]) WT/DS184/AB/R, 23.8.2001, *l-Istati Uniti – Miżuri Antidumping rigward Ċerti Prodotti tal-Azzar Imremblin bis-Shana mill-Ġappun*, il-paragrafu 204.
([2]) Il-Qorti Ġenerali, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2004, il-Kawża T-35/01 *Shanghai Teraoka Electronic Co.Ltd vs il-Kunsill*, il-paragrafi. 129 u 258.

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (f'unitajiet) | 27 978 885 | 27 443 671 | 25 609 977 | 25 178 389 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *98* | *92* | *90* |
| Użu tal-kapaċità (%) | 74 | 74 | 80 | 83 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *99* | *108* | *112* |

*Sors*: L-ETRMA, il-Comext tal-Eurostat għad-dejta dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni, u l-informazzjonio ppreżentata mill-ilmentatur.

(164) Kif jidher fit-Tabella 4, il-produzzjoni baqgħet relattivament stabbli, b'20,9 miljun unità fil-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li r-rata tal-użu tal-kapaċità żdiedet b'9 punti perċentwali matul l-istess perjodu.

(165) Il-kawża prinċipali taż-żieda fl-użu tal-kapaċità tista' tiġi attribwita biss għat-tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità ta' produzzjoni b'10 %. Dan kien jirrigwarda prinċipalment l-attività tal-għoti ta' wiċċ ġdid matul il-perjodu kkunsidrat, mill-inqas 85 SME li jinsabu pratikament fl-Istati Membri kollha waqqfu jipproduċu tajers b'wiċċ ġdid, iżda kien jirrigwarda wkoll l-għeluq ta' sussidjarji ta' kumpaniji kbar ([1]).

(166) It-tendenza kostanti tal-produzzjoni fl-Unjoni u l-għeluq ta'l-kumpaniji jikkuntrastaw maż-żieda fil-konsum fl-Unjoni ta' wara l-kriżi li minnha l-industrija tal-Unjoni setgħet ibbenefikat.

#### 4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(167) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 5*

**Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum totali tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (f'unitajiet) | 14 584 057 | 14 558 260 | 14 385 254 | 14 426 297 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *99,8* | *98,6* | *99,0* |
| Sehem mis-suq (%) | 72,0 | 70,1 | 67,1 | 66,8 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *97,3* | *93,1* | *92,8* |

*Sors*: ETRMA u Comext tal-Eurostat għad-dejta dwar l-importazzjoni.

(168) F'suq dejjem jikber, il-bejgħ fl-Unjoni baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Dan jirriżulta fi tnaqqis ta' 5,2 punti perċentwali tas-sehem mis-suq (minn 72,0 % għal 66,8 %) filwaqt li l-volum tal-bejgħ tat-tajers Ċiniżi oġġett ta' dumping żdied b'1,1 miljun tajer.

#### 4.5.2.3. Tkabbir

(169) Il-konsum ġenerali tal-Unjoni żdied b'6,6 % waqt il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'1 %, minkejja ż-żieda fil-konsum, li rriżulta f'li l-industrija tal-Unjoni titlef is-sehem mis-suq. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-pajjiż kkonċernat żdied matul il-perjodu kkunsidrat.

([1]) Fl-2017, il-Grupp Goodyear għalaq l-impjant tiegħu fir-Renju Unit (madwar 330 impjieg); Il-Grupp Michelin għalaq bosta impjanti fl-Unjoni: żewġ impjanti fi Franza (fl-2014 mas-700 impjegat u fl-2017 mat-330 impjegat), fil-Ġermanja (fl-2016 mal-200 impjegat), fl-Ungerija (fl-2015 mal-500 impjegat) u fl-Italja; il-Grupp Continental għalaq impjant wieħed fil-Ġermanja.

4.5.2.4. Impjieg u produttività

(170) L-impjieg u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 6*

**Impjiegi u produttività**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | 38 445 | 36 478 | 34 959 | 34 188 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *95* | *91* | *89* |
| Produttività (unità/impjegat) | 539 | 554 | 586 | 610 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *103* | *109* | *113* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u sottomissjonijiet minn fornituri tal-fibri u mill-ETRMA.

(171) Kien hemm aktar minn 4 200 impjieg dirett li ntilfu matul il-perjodu kkunsidrat u li affettwaw kemm l-SMEs, fejn mill-inqas 85 produttur li jinsabu fl-Unjoni waqqfu l-produzzjoni u fejn kumpaniji kbar għalqu bosta impjanti.

(172) Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni Taljana ta' impriżi li jagħtu wiċċ ġdid ("AIRP") sostniet li s-settur fl-Unjoni li jagħti wiċċ ġdid lit-tajers jammonta għal madwar 13 000 impjieg għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni. L-attività ta' għoti ta' wiċċ ġdid tirrikjedi ħafna ħaddiema, u tajer b'wiċċ ġdid jiġġenera minn 3 sa 4 darbiet aktar impjiegi milli tajer ġdid. Skont l-AIRP, bosta kumpaniji assoċjati bħalissa qed inaqqsu l-persunal jew qed jagħmlu użu massiv mill-fondi tal-assigurazzjoni għall-qgħad.

(173) B'mod parallel, il-produttività żviluppat minn 539 unità għal kull impjegat fl-2014 għal 610 unitajiet għal kull impjegat fil-perjodu tal-investigazzjoni.

4.5.2.5. Id-daqs tal-marġni ta' dumping

(174) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqies il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(175) Din hija l-ewwel investigazzjoni antidumping rigward il-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Għalhekk, ma kienx hemm dejta disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(176) Il-prezzijiet unitarji medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 7*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u l-Kost tal-produzzjoni**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/unità) | 237 | 225 | 216 | 218 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *95* | *91* | *92* |

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kost medju tal-produzzjoni (EUR/unità) | 200 | 188 | 183 | 188 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *94* | *91* | *94* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(177) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità naqsu b'EUR 19, filwaqt li l-kostijiet unitarji naqsu bi EUR 12 matul l-istess perjodu. Dan jikkorrispondi ma' tnaqqis fil-prezzijiet ta' 8 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-kostijiet naqsu b'6 %.

(178) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kost tal-produzzjoni żdied meta mqabbel mal-2016, li ma setgħax jiġi rifless b'mod sħiħ fuq il-prezz tal-bejgħ.

(179) Analiżi separata bbażata fuq l-istess metodoloġija kif deskritta saret għat-tliet livelli.

(180) Fil-Livell 1 il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità naqas b'EUR 25, filwaqt li l-kostijiet unitarji naqsu b'EUR 19 matul l-istess perjodu. It-tnejn li huma naqsu b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 8*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u l-Kost tal-produzzjoni — Livell 1**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/unità) | 270,8 | 255,3 | 245,3 | 245,7 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *94* | *91* | *91* |
| Kost medju tal-produzzjoni (EUR/unità) | 222 | 200 | 199 | 203 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *90* | *89* | *91* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(181) Fil-Livell 2 il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità naqas b'EUR 27, filwaqt li l-kostijiet unitarji naqsu bi EUR 17 matul l-istess perjodu. Dan jikkorrispondi għal tnaqqis fil-prezz medju ta' 12 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-kostijiet naqsu b'9 %.

*Tabella 9*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u l-Kost tal-produzzjoni — Livell 2**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Il-Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq kollu (EUR/unità) | 228 | 212 | 193 | 201 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *93* | *85* | *88* |
| Kost medju tal-produzzjoni (EUR/unità) | 187 | 176 | 162 | 170 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *94* | *87* | *91* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(182) Fil-Livell 3 il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità naqas b'EUR 9, filwaqt li l-kostijiet unitarji żdiedu b'EUR 2 matul l-istess perjodu. Dan jikkorrispondi għal tnaqqis fil-prezz medju ta' 5 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-kostijiet żdiedu b'1 %.

*Tabella 10*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u l-Kost tal-produzzjoni — Livell 3**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Il-Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq kollu (EUR/unità) | 181 | 176 | 172 | 172 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *97* | *95* | *95* |
| Kost medju tal-produzzjoni (EUR/unità) | 170 | 175 | 167 | 172 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *103* | *98* | *101* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(183) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 43 875 | 44 961 | 46 432 | 46 785 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *102* | *105* | *106* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(184) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kostijiet lavorattivi medji żdiedu b'6 %.

4.5.3.3. Inventarji

(185) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 12*

**Inventarji**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| *Stokkijiet tal-għeluq (Indiċi 2014 = 100)* | *100* | *81* | *100* | *144* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 7 % | 6 % | 7 % | 9 % |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *81* | *97* | *134* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(186) L-istokkijiet żdiedu b'44 % matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu madwar 9 % tal-produzzjoni annwali. Din is-sitwazzjoni għandha impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

4.5.3.4. Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(187) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 13*

**Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 15,6 | 16,7 | 15,2 | 13,7 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *107* | *98* | *88* |
| Fluss tal-flus (f'miljuni ta' EUR) | 309 | 312 | 292 | 272 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *101* | *94* | *88* |
| Investimenti (f'miljuni ta' EUR) | 86 | 63 | 59 | 65 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *73* | *69* | *76* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 21,0 | 21,7 | 19,3 | 17,6 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *103* | *92* | *84* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(188) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett, qabel it-taxxa, mill-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(189) Il-profittabbiltà kumplessiva naqset minn 15,6 % fl-2014 għal 13,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-ponderazzjoni ta' kull livell fil-bejgħ, kif spjegat fil-premessi (161) u (162). Il-profittabbiltà li naqset b'1,9 punti perċentwali hija r-riżultat ta' tnaqqis aktar qawwi fil-prezzijiet (– 8 %) milli mit-tnaqqis fl-ispejjeż (– 6 %).

(190) Il-profittabbiltà kumplessiva hija influwenzata mill-profittabbiltà fil-Livell 1, filwaqt li l-Livell 3 waħdu beda jagħmel it-telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, ix-xejra relattiva fil-profittabbiltà għall-industrija kollha tal-Unjoni qed tonqos.

(191) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. It-tendenza fil-fluss tal-flus nett turi tnaqqis ta' 12 %.

(192) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Matul il-perjodu kkunsidrat, dan żviluppa b'mod negattiv minn 21,0 % għal 17,6 %.

(193) Analiżi separata bbażata fuq l-istess metodoloġija kif deskritta saret għat-tliet livelli.

(194) Il-profittabbiltà fil-Livell 1 varjat matul il-perjodu kkunsidrat. Din żdiedet mill-2014 (17,9 %) għall-2015 (21,8 %) u mbagħad naqset fil-perjodu ta' investigazzjoni għal livell kemxejn taħt dak tal-2014 (17,5 %). Dan huwa parzjalment spjegat mill-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet, billi fl-2015 il-kost tal-produzzjoni naqas aktar mill-prezzijiet tal-bejgħ.

(195) Fil-Livell 1, il-fluss tal-flus nett baqa' stabbli filwaqt li r-redditu fuq l-investimenti naqas minn 26,0 % għal 24,3 % matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 14*

**Livell 1, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 17,9 | 21,8 | 18,9 | 17,5 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *122* | *106* | *98* |
| Fluss tal-flus (f'miljuni ta' EUR) | 191 | 218 | 199 | 192 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *113* | *104* | *100* |
| Investimenti (f'miljuni ta' EUR) | 54 | 36 | 35 | 38 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *68* | *65* | *72* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 26,0 | 29,3 | 25,0 | 24,3 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *112* | *96* | *93* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(196) Fir-rigward tal-Livell 2, il-profittabbiltà naqset bi 2,6 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat (minn 17,9 % fl-2014 għal 15,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni).

(197) Fil-Livell 2 il-fluss tal-flus nett naqas b'mod sinifikanti, bi 22 %, u r-redditu fuq l-investimenti naqas minn 20,4 % għal 16,2 % matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 15*

**Livell 2, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 17,9 | 16,7 | 16,0 | 15,3 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *93* | *90* | *86* |
| Fluss tal-flus (f'miljuni ta' EUR) | 88 | 76 | 65 | 69 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *86* | *74* | *78* |
| Investimenti (f'miljuni ta' EUR) | 18 | 16 | 15 | 17 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *92* | *84* | *97* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 20,4 | 21,4 | 20,1 | 16,2 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *105* | *98* | *79* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(198) Il-Livell 3 għamel it-telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni (– 0,4 %). It-telf għall-SMEs kien partikolarment sinifikanti (– 6,1 % fil-perjodu tal-investigazzjoni). Il-profittabbiltà ta' kumpaniji kbar fil-Livell 3 naqset bin-nofs bejn l-2014 u l-perjodu investigattiv, minn 10 % għal 4,8 %.

(199) Fil-Livell 3 il-fluss tal-flus nett naqas b'mod sinifikanti, bi 62 %, u r-redditu fuq l-investimenti naqas minn 7,6 % għal 2,5 % matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 16*

**Livell 3, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 6,1 | 0,6 | 2,7 | – 0,4 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *10* | *45* | *– 7* |
| Fluss tal-flus (f'miljuni ta' EUR) | 28 | 17 | 26 | 11 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *62* | *93* | *38* |
| Investimenti (f'miljuni ta' EUR) | 14 | 10 | 10 | 10 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *69* | *66* | *66* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 7,6 | 0,2 | 4,8 | 2,5 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *2* | *62* | *33* |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

### 4.6. **Ir-rabta ta' bejn il-livelli**

(200) Is-suq tal-Unjoni għal tyres ta' karozzi tal-linja jew trakkijiet intlaqat b'mod qawwi mill-kriżi ekonomika. Peress li l-konsum ta' tajers huwa intrinsikament marbut max-xiri ta' vetturi ġodda u ma' kilometri vvjaġġati minn flotot ta' karozzi, b'mod globali jiddependi ħafna fuq l-attività ekonomika. Kull varjazzjoni fl-attività ekonomika, u b'mod partikolari fil-volum ta' merkanzija ttrasportati bit-triq, hija riflessa b'mod dirett fil-bejgħ tat-tajers. F'perjodu meta t-trakkijiet qed jintużaw inqas, l-akkwist ta' trakkijiet ġodda jew is-sostituzzjoni ta' tajers tat-trakkijiet isiru inqas meħtieġa u għalhekk is-suq tat-tajers jonqos.

(201) Wara l-kriżi ekonomika kien hemm bidla strutturali fid-domanda, mil-livelli għoljin għal livelli aktar baxxi, fejn l-prezz għandu t-tendenza li jxaqleb id-deċiżjoni tax-xiri. F'dan il-kuntest, offerti rħas ta' tajers importati u l-preferenza ta' ċerti sidien ta' flotot tal-karozzi li jmorru għal tajers iktar irħas kellhom rwol prinċipali fir-rikonfigurazzjoni tas-suq tal-Unjoni.

(202) Peress li dawk li jagħtu wiċċ ġdid lit-tajers huma taħt pressjoni qawwija, l-għeluq ta' impjanti u workshops kien dejjem aktar numeruż, kif stipulat fil-premessa (175). Minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' faċilitajiet lokali, sar inqas possibbli li tajer ta' kwalità għolja għar-rimi jingħata wiċċ ġdid. Konsegwentement, ix-xiri ta' tajers ta' kwalità għolja li għandhom l-opzjoni li jingħataw diversi wċuħ ġodda sar inqas attraenti. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u fil-konfront ta' importazzjonijiet bi prezz baxx ta' tajers tal-Livell 3, li kienu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet Ċiniżi, il-produtturi tal-Unjoni ta' tajers ġodda ma għandhomx għażla oħra ħlief li jsaħħu l-preżenza tagħhom fil-Livell 3 wkoll.

(203) Fl-aħħar nett, il-kompetizzjoni bejn is-segmenti mhix affettwata mill-impatt tal-prezzijiet f'livelli iżjed baxxi li għandhom fuq il-prezzijiet f'livell ogħla. Fl-Unjoni, il-prezzijiet ta' tajers ta' Livell 1 ħassu l-pressjoni tal-importazzjonijiet irħas. L-ilmentatur afferma li l-impatt kien aktar ovvju f'żoni reġjonali fejn it-tajers ta' Livell 3 kienu aktar preżenti (jiġifieri f'dawn iż-żoni l-prezzijiet tat-tajers tal-Livell 1 kienu tipikament ta' livell aktar baxx milli f'żoni oħra tal-Unjoni, li jenfasizza l-impatt kompetittiv tat-tajers tal-Livell 3 fuq it-tajers tal-Livell 1).

(204) Dan ifisser li l-operaturi ekonomiċi jidher li ċaqilqu parti mix-xiri tagħhom minn tajers tal-Livell 1 jew tal-Livell 2 għal tajers tal-Livell 3, u dan juri li l-kompetizzjoni sseħħ f'segmenti differenti.

(205) It-tabella ta' hawn taħt turi s-sehem għal kull livell fil-konsum tal-Unjoni fl-2012 u fl-2016. F'dan il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni żdied minn madwar 3,8 miljun unità, u aktar minn 90 % minn din iż-żieda seħħet fil-lLvell 3 (madwar 3,6 miljun unità). Dan wassal għal bidla fl-importanza relattiva tal-Livell 3, li żdied minn 27 % għal 39 % tal-konsum totali fl-Unjoni.

*Tabella 17*

**Il-konsum tal-Unjoni maqsum għal kull livell fis-snin 2012 u 2016**

| | 2012 | 2016 |
|---|---|---|
| Konsum tal-Unjoni | 17 684 000 | 21 452 278 |
| Livell 1 | 46 % | 37 % |
| Livell 2 | 27 % | 24 % |
| Livell 3 | 27 % | 39 % |

*Sors*: ETRMA u Eurostat (Comext).

(206) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni stipulat li fil-passat it-tajers tal-Livell 1 stabilixxew il-prezz ta' referenza għal-livelli l-oħra. Il-produtturi prinċipali tal-Unjoni huma kkonċentrati fil-Livell 1 u 2, fejn it-tajers kienu/huma mfasslin biex ikollhom ċiklu tal-ħajja twil u biex ikunu jistgħu jingħataw wiċċ ġdid. Dan jiġġustifka b'mod sinifikanti l-prezzijiet ogħla (u l-marġini ta' profitt) għal prestazzjonijiet għolja mistennija mit-tajers tal-Livelli 1 u 2. Il-konsumaturi apprezzaw dawn il-proprjetajiet fiżiċi u ta' prestazzjoni, u kienu lesti li jħallsu prezzijiet ogħla għal dawn il-karatteristiċi. Madankollu, l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni wriet li x-xejra tal-prezzijiet imsemmija hawn fuq inbidlet, u "l-effett ta' kaskata bil-maqlub" beda bil-prezzijiet tal-Livell 3 li jaffettwaw bil-kontra dawk tal-Livell 1. Ta' min jinnota li l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi huma relatati mal-Livell 3, fejn il-produtturi tal-Unjoni ġarrbu telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(207) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li hemm relazzjoni simbjotika bejn il-livelli differenti, fejn il-pressjoni tal-prezzijiet fuq il-Livell 3 taffettwa wkoll il-prezzijiet f'livelli oħra.

### 4.7. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(208) Kumplessivament, l-indikaturi tad-dannu juru li l-industrija tal-Unjoni kienet taħt pressjoni intensiva kollha kemm hi. Kien hemm tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni, fl-investiment u fl-impjiegi fil-perjodu investigattiv, kif ukoll telf sinifikanti tas-sehem mis-suq, minkejja l-prezzijiet tal-bejgħ dejjem jonqsu. Is-sehem mis-suq ittieħed mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, irrispettivament mis-segmentazzjoni, u dan rriżulta f'aktar minn 4 200 impjieg li ntilfu. Il-profittabbiltà, għalkemm għadha madwar 14 % għall-industrija kollha kemm hi, naqset b'1,9 punti perċentwali bejn l-2014 u l-PI, u bi tliet (3) punti perċentwali bejn l-2015 u l-PI. Barra minn hekk, it-tendenza relattiva tal-proffitabbiltà għall-industrija tal-Unjoni kollha qed tonqos ukoll.

(209) Ġie stabbilit b'mod prvviżorju li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu b'mod sostanzjali l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, li min-naħa tagħhom, kellhom impatt dirett u sinifikanti fuq il-prestazzjoni li qed tmur għall-agħar u fuq tnaqqis fil-kapaċità, fil-produzzjoni, fl-impiegi, u wrew indikaturi oħra ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni. L-iżvilupp negattiv inħass l-aktar fil-Livell 3 fejn ħafna SMEs tat-tajers b'wiċċ ġdid ħarġu mis-suq u ma setgħux jibbenefikaw mill-irkupru ekonomiku fis-settur, li fl-aħħar mill-aħħar ittieħed mil-importazzjonijiet bi prezz baxx. Tajjeb li jitfakkar li l-kumpaniji li huma l-aktar attivi fil-Livell 3 jammontaw għal madwar 20 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. It-telf fil-Livell 3 mhux sostenibbli u jpoġġi f'riskju s-sopravivenza tal-attività kollha tal-Unjoni fejn it-tajers jingħataw wiċċ ġdid.

(210) Barra minn hekk, l-effetti tal-pressjoni tal-prezzijiet affettwaw ukoll il-prezzijiet ta' livelli ogħla. Il-pressjoni dejjem tikber tal-prezzijiet tat-tajers mil-Livell 3, li tirriżulta minn importazzjonijiet bi prezz baxx u li fil-biċċa l-kbira hija marbuta ma' tajers tal-Livell 3, ġabet magħha żvilupp simili fil-Livell 2, fejn il-prezzijiet tal-bejgħ naqsu bi 12 % fil-perjodu kkunsidrat, u saħansitra l-prezzijiet tat-tajers tal-Livell 1 kellhom jitnaqqsu b'9 % sabiex jibqgħu kompetittivi.

(211) Tabilħaqq, minħabba r-rabta fil-prezz bejn il-livelli, anki l-Livell 1 bl-aqwa prestazzjonijiet kien qed isofri minn pressjoni fil-prezzijiet minn isfel għal fuq fit-tliet livelli spjegati fil-kapitolu preċedenti. Dan irriżulta fi tnaqqis industrijali, telf ta' valur tul il-katina tal-provvista fit-tliet livelli kollha, u d-degradazzjoni tal-kwalità tat-tajers disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk il-kompetizzjoni qawwija fil-prezzijiet fit-tliet livelli kollha għandha konsegwenzi negattivi għall-użu tal-kapaċità, u twassal għal żieda fl-istokkijiet tal-industrija (it-Tabella 12) flimkien ma' inqas fluss ta' flus u investimenti (it-Tabella 13). Fl-aħħar nett, it-telf tal-industrija fl-Unjon tat-tajers b'wiċċ ġdid wkoll jaffettwa l-profittabbiltà li l-kumpaniji attivi fil-Livell 1 u 2 jistgħu jilħqu.

(212) Għalhekk, proviżorjament jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(213) Barra minn hekk, dawk li ressqu l-ilment allegaw li kien hemm riskju ta' aktar aggravazzjoni tad-dannu. Fil-fehma tagħhom, diversi miżuri ġew imposti fi swieq oħra ta' esportazzjoni u ta' importazzjoni li jistgħu jikkawżaw immedjatament devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni huma mhedda fis-swieq ta' esportazzjoni tagħhom, peress li xi pajjiżi bħat-Turkija tat bidu għal investigazzjoni ta' salvagwardja. Ir-riskju ta' aggravament jkun marbut ukoll ma' kapaċitajiet żejda kbar fir-RPĊ, fejn il-kapaċitajiet mhux utilizzati jirrappreżentaw madwar 40 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi attwali. L-ilmentaturi beżgħu wkoll mil-impatt strutturali fuq is-suq tat-tajers tal-UE billi l-ispiża addizzjonali għax-xiri ta' tajers ta' kwalità għolja ssir inqas u inqas possibbli li tiġi ġġustifikata meta tispiċċa l-għażla li tajer ta' kwalità għolja jingħata diversi wċuħ ġodda flimkien mal-industrija tat-tajers b'wiċċ ġdid. Fl-aħħar nett, huma jipprevedu titjib kontinwu fit-tajers mir-RPĊ. Jekk it-tajers ta' kwalità ogħla mir-RPĊ ikunu jistgħu jikkompetu bi prezzijiet oġġett ta' dumping ma' tajers tal-Unjoni, dan inaqqas il-marġini tal-industrija tat-tajers tal-Unjoni u għaldaqstant il-kapaċità tagħha li tinvesti u tkun innovattiva. Dan, min-naħa tiegħu, x'aktarx iġiegħel lill-industrija tal-Unjoni biex isserraħ fuq tajers ta' kwalità inferjuri li jeħtieġu investiment limitat fir-RuŻ, u dan ikompli jaffettwa kemm jistgħu jingħataw uċuħ ġodda.

(214) Il-Kummissjoni osservat f'dan l-istadju li "l-Politika għall-Industrija tat-Tajers" ([1]) tar-RPĊ tħeġġeġ lill-manifatturi tat-tajers biex itejbu l-aspetti tekniċi u l-marki (biex jimplimentaw strateġiji għall-marki, biex iżidu l-popolarità u r-reputazzjoni tal-marki u biex ikomplu jqajmu l-valur tal-marki kummerċjali) u nnotat li għaddeja kawża antisussidju parallela. Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw dwar il-punti mressqa mill-ilmentaturi fil-premessa preċedenti sabiex tkun tista' tanalizza dawn il-punti fid-dettall fl-istadju definittiv.

## 5. **KAWŻALITÀ**

(215) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħra setgħux għamlu dannu lill-industrija tal-Unjoni fl-istess ħin.

(216) Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-bejgħ esportat tal-produtturi tal-Unjoni, u l-evoluzzjoni tal-kostijiet.

### 5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping**

(217) Il-prezzijiet ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, b'marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz li jvarjaw minn 21 % sa 31 %, li wasslu għal inqas sehem mis-suq u profittabbiltà għall-industrija tal-Unjoni (rispettivament, minn 72,0 % għal 66,8 % u minn 15,6 % fl-2014 għal 13,7 % matul il-perjodu kkunsidrat). Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas ftit filwaqt li l-volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ tela' bi 32 % u b'hekk ħataf il-biċċa l-kbira taż-żieda fil-konsum tal-Unjoni.

(218) Kumplessivament, matul il-perjodu kkunsidrat, it-telf mis-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni (– 5,2 punti perċentwali) ġie assorbit mill-importazzjonijiet Ċiniżi (+ 4,2 punti perċentwali).

(219) L-analiżi tal-indikaturi tad-dannu fil-premessi minn (155) sa (203) turi li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni, u b'mod partikolari s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, marret għall-agħar u din tikkoinċidi mal-wasla ta' volumi kbar ta' importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li huma l-oġġett ta' dumping. Il-prezzijiet ta'

([1]) Tħabbira tal-Ministeru tal-Industrija u tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni dwar l-istampar u d-distribuzzjoni tal-"Politika għall-Industrija tat-Tajers". Istituzzjoni ta' Promulgazzjoni: Ministeru tal-Industrija u tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni. Numru tad-Dokument: Gong Chan Ye Zheng Ce [2010] Nru 2. Data ta' Promulgazzjoni: 15.9.2010. Data Effettiva: 15.9.2010.

dawn l-importazzjonijiet waqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni u eżerċitaw pressjoni negattiva sinifikanti fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Tabilħaqq, il-fatturi ewlenin li għandhom jitqiesu f'dan il-każ nstab li huma ż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet u t-twaqqigħ sostanzjali tal-prezz.

(220) L-esportaturi Ċiniżi rnexxielhom iżidu s-sehem mis-suq tagħhom b'mod sinifikanti askapitu tal-industrija tal-Unjoni. Matul il-perjodu investigattiv, il-biċċa l-kbira tal-volum totali tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping huma kkonċentrati fil-Livell 3, li jobbliga lil bosta produtturi tal-Unjoni f'dan il-livell, b'mod partikolari lill-SMEs tat-tajers b'wiċċ ġdid, biex joħorġu mis-suq. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (137), il-Kummisjsoni stabilixxiet li volumi daqshekk kbar bi prezzijiet ta' dumping affettwaw l-ipprezzar. Qabel, l-ipprezzar kien immexxi mill-prezzijiet tal-Livell 1, jiġifieri prezzijiet tal-Livell 2 kienu stabbiliti apparagun tal-Livell 1, u l-Livell 3 apparagun tal-Livell 2. Dan issa ġie bil-maqlub: Il-prezz tal-Livell 2 qed jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-Livell 3, u l-Livell 1 fuq il-bażi tal-Livell 2. Dan irriżulta fi tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni għalhekk proviżorjament ikkonkludiet li ż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma oġġett ta' dumping kellhom rwol determinanti fid-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(221) Fatturi oħra li ġew eżaminati fl-analiżi tal-kawżalità, f'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, kienu: l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, u l-evoluzzjoni tal-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.2. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(222) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 18*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| Pajjiż | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| It-Turkija | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet mit-Turkija | 712 497 | 710 504 | 856 110 | 884 241 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *100* | *120* | *124* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mit-Turkija | 212 | 216 | 194 | 185 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *102* | *91* | *87* |
| Sehem mis-suq (%) | 3,5 | 3,4 | 4,0 | 4,1 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 12,6 | 11,4 | 12,1 | 12,3 |
| Il-Korea | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet mill-Korea | 431 676 | 463 643 | 477 185 | 381 167 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *107* | *111* | *88* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mill-Korea | 219 | 191 | 181 | 186 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *87* | *83* | *85* |
| Sehem mis-suq (%) | 2,1 | 2,2 | 2,2 | 1,8 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 7,6 | 7,4 | 6,8 | 5,3 |

| Pajjiż | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Il-Ġappun | | | | |
| Volum tal-importazzjonijiet mill-Ġappun | 386 128 | 418 802 | 398 427 | 390 859 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *108,5* | *103,2* | *101,2* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mill-Ġappun | 293 | 227 | 218 | 221 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *77,6* | *74,4* | *75,4* |
| Sehem mis-suq (%) | 1,9 | 2,0 | 1,9 | 1,8 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 6,8 | 6,7 | 5,6 | 5,5 |
| Ir-Russja | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet mir-Russja | 181 031 | 237 582 | 270 515 | 279 798 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *131,2* | *149,4* | *154,6* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mir-Russja | 145 | 131 | 130 | 130 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *90,7* | *89,6* | *89,5* |
| Sehem mis-suq (%) | 0,9 | 1,1 | 1,3 | 1,3 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 3,2 | 3,8 | 3,8 | 3,9 |
| It-Tajlandja | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet mit-Tajlandja | 142 735 | 177 209 | 174 994 | 167 509 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *124,2* | *122,6* | *117,4* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mit-Tajlandja | 310 | 226 | 233 | 241 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *72,9* | *75,3* | *77,7* |
| Sehem mis-suq (%) | 0,7 | 0,9 | 0,8 | 0,8 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 2,5 | 2,8 | 2,5 | 2,3 |
| Pajjiżi terzi oħrajn | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha | 338 457 | 376 075 | 469 425 | 464 224 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *111* | *139* | *137* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mill-pajjiżi l-oħrajn kollha | 202 | 195 | 200 | 192 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *96* | *99* | *95* |
| Sehem mis-suq (%) | 1,7 | 1,8 | 2,2 | 2,1 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 6,0 | 6,0 | 6,6 | 6,5 |

| Pajjiż | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha | 2 192 524 | 2 383 815 | 2 646 656 | 2 567 798 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *109* | *121* | *117* |
| Prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mill-pajjiżi l-oħrajn kollha | 227 | 202 | 192 | 189 |
| *Indiċi (2014 = 100)* | *100* | *89* | *85* | *83* |
| Sehem mis-suq (%) | 10,8 | 11,5 | 12,3 | 11,9 |
| Sehem tal-volum totali ta' importazzjoni fl-Unjoni (%) | 38,7 | 38,3 | 37,5 | 35,8 |

*Sors*: Eurostat.

(223) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra wrew żieda żgħira fis-sehem mis-suq tagħhom, minn 10,8 % għal 11,9 %. Mill-importazzjonijiet kollha mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha, kienu biss l-importazzjonijiet Russi li kellhom prezzijiet simili għal dawk tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Kien ċar li l-prezzijiet medji ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu ogħla mill-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Fil-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Russja żdied minn 0,9 % għal 1,3 %. Madankollu, il-kwantitajiet limitati tal-importazzjonijiet Russi ma kissrux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(224) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li anki jekk l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra seta' kellhom xi impatt limitat fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping baqgħu l-kawża prinċipali tad-dannu.

5.2.1. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(225) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 19*

**Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni**

| | 2014 | 2015 | 2016 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjoni (f'unitajiet) | 6 079 036 | 5 920 561 | 5 893 729 | 5 920 981 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *97,4* | *97,0* | *97,4* |
| Prezz medju (EUR/unità) | 188 | 179 | 169 | 168 |
| *Indiċi 2014 = 100* | *100* | *95,3* | *89,9* | *89,8* |

*Sors*: Eurostat (Comext).

(226) Fuq il-bażi tal-Eurostat, il-volumi tal-bejgħ naqsu bi 2,6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni medji huma affettwati mill-valuri ta' trasferiment lill-kumpaniji relatati. Ma hemm l-ebda evidenza li l-attività ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tista' tikser ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu li nstab.

5.3. **Evoluzzjoni tal-kostijiet**

(227) Kif jissemma' fil-Premessa (181), il-kostijiet totali tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi EUR 12 għal kull tajer matul il-perjodu kkunsidrat, minħabba l-evoluzzjoni tal-materja prima prinċipali (jiġifieri l-lastiku naturali u sintetiku). Madankollu, il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'EUR 19 għal kull tajer, minħabba l-pressjoni fuq il-prezz eżerċitata mill-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping.

(228) Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-evoluzzjoni tal-kostijiet ma setgħetx tkun kawża tad-dannu li sar lill-industrija tal-Unjoni.

### 5.4. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(229) Kienet stabbilita rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż kkonċernat.

(230) Il-pressjoni konsiderevoli tal-prezzijiet u l-volumi eżerċitata fuq l-industrija tal-Unjoni biż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż kkonċernat matul il-perjodu kkunsidrat ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni li wara l-kriżi tibbenefika mis-suq tal-UE li qed jikber. L-eħrex kompetizzjoni sseħħ fil-Livell 3, fejn il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet Ċiniżi sseħħ, li taffettwa wkoll il-livelli aktar għoljin kif spjegat fil-premessi minn (204) sa (210). L-analiżi tal-indikaturi tad-dannu ta' hawn fuq turi li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi kienet affettwata minn żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mir-RPĊ, li sostanzjalment huma aktar baxxi mill-prezzijiet tal-Unjoni. L-esportaturi Ċiniżi rnexxielhom jiksbu sehem sinifikanti mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, li rriżulta fi tnaqqis ta' impjiegi u tnaqqis fil-kapaċità ta' produzzjoni. L-industrija tal-Unjoni tilfet 5,2 punti perċentwali mis-sehem mis-suq tagħha bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni, u l-volumi tal-bejgħ staġnaw, filwaqt li l-konsum żdied fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tendenza fil-profittabbiltà għall-industrija kollha tal-Unjoni qed tonqos ukoll, u qed issofri telf b'mod partikolari fit-tajers tal-Livell 3.

(231) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. L-effett ta' fatturi identifikati oħra, jiġifieri l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u tal-evoluzzjoni tal-kostijiet fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' sehem tas-suq, ta' prezzijiet u ta' profittabbiltà, ma nstabx li jiksru r-rabta kawżali. Anki meta tqies l-effett kombinat tagħhom, il-konklużjoni tal-Kummissjoni ma kinitx differenti: fin-nuqqas tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx se tiġi negattivament affettwata b'mod tant sinifikanti. B'mod partikolari, is-sehem mis-suq ma kienx se jonqos għal dawn il-livelli u l-impjiegi kienu jinżammu.

(232) Għalhekk, f'dan l-istadju l-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, u li l-fatturi l-oħra, meta meqjusa individwalment jew kollettivament, ma kinux jiksru r-rabta ta' kawżalità.

## 6. **INTERESSI TAL-UNJONI**

(233) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi biċ-ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja li ġie ddeterminat dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interessi tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija u tal-importaturi tal-Unjoni.

### 6.1. **Interessi tal-industrija tal-Unjoni**

(234) L-effett tal-miżuri antidumping x'aktarx ikun pożittiv għall-produtturi tal-Unjoni u b'mod partikolari għall-SMEs. Dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-konsum dejjem jikber u minn suq irregolat minn kundizzjonijiet ġusti. Huwa speċjalment mistenni li taħt dawn il-kundizzjonijiet, il-produtturi tal-Unjoni jkunu jistgħu jżidu l-bejgħ tagħhom u għalhekk jerġgħu jiksbu parti mis-sehem tas-suq mitluf. Dan min-naħa tiegħu ikompli jżid il-produzzjoni tal-Unjoni u r-rata ta' użu tal-kapaċità. F'kundizzjonijiet ġusti, l-industrija tal-Unjoni tkun tista' żżid il-prezzijiet tagħha u ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

(235) Minħabba r-rabta bejn in-negozju tat-tajers b'wiċċ ġdid u l-produzzjoni ta' tajers li jistgħu jingħataw wiċċ ġdid, il-miżuri proposti jkunu jippermettu b'mod partikolari l-vijabbiltà tal-industrija tat-tajers b'wiċċ ġdid. Dan kieku jkun ta' għajnuna f'termini ta' impjieg, b'mod partikolari billi l-industrija tal-għoti ta' wċuħ ġodda tirrikjedi ħafna ħaddiema u hija preżenti madwar l-Unjoni.

### 6.2. **Interessi tal-utenti u l-importaturi tal-Unjoni**

(236) In-Notifika ta' Bidu ntbagħtet lil aktar minn 40 importatur u utent tal-prodott ikkonċernat, kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

(237) Ħames importaturi mhux relatati wieġbu għall-kwestjonarju dwar il-kampjunar. Huma jirrappreżentaw (10 % – 15 %) tal-importazzjonijiet totali mir-RPĊ. Minn dawn il-ħames kumpaniji, tnejn kienu fil-kampjun fuq il-bażi tal-volum ta' importazzjonijiet tagħhom (li jirrappreżenta (6 % – 10 %) tal-importazzjonijiet Ċiniżi totali) u dawn wieġbu għall-kwestjonarju.

(238) Għaż-żewġ importaturi inklużi fil-kampjun, l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat irrappreżentaw sehem sinifikanti ta' dħul matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-mudell ta' negozju tagħhom huwa prinċipalment ibbażat fuq kuntratti ma' produtturi esportaturi Ċiniżi, għalkemm dawn ukoll għandhom sorsi alternattivi (jew domestikament jew minn pajjiżi terzi oħrajn). Għalhekk, filwaqt li l-miżuri jkollhom impatt fuq l-attività tagħhom, huwa mistenni wkoll li l-impożizzjoni tal-miżuri se jżid il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni għal livelli ġusti.

(239) Hemm ukoll mudell kummerċjali ieħor li jiddependi fuq "strateġija tal-kummerċ tal-kontejners biss". F'dan il-każ, l-importaturi għandhom aktar flessibbiltà biex jibdlu s-sorsi ta' forniment. Tliet importaturi mhux inklużi fil-kampjun jaqgħu taħt din il-kategorija, li jirrappreżentaw inqas minn 2 % tal-importazzjonijiet totali Ċiniżi matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-livell baxx ta' kooperazzjoni jissuġġerixxi li l-impożizzjoni ta' miżuri ma jkollha l-ebda impatt sinifikanti fuq l-attività tagħhom.

(240) Tnax-il importatur ieħor u żewġ assoċjazzjonijiet tal-importaturi identifikaw ruħhom, il-biċċa l-kbira tagħhom wara l-pubblikazzjoni tar-regolament dwar ir-reġistrazzjoni. Saru kummenti dwar ir-reġistrazzjoni u l-impożizzjoni possibbli ta' miżuri. Madankollu, l-ebda wieħed mill-importaturi tal-Unjoni ma ppreżenta talbiet issostanzjati.

(241) Għalhekk, filwaqt li l-miżuri proposti mhumiex fl-interess tal-utenti u l-importaturi, f'dan l-istadju l-Kummissjoni ma setgħetx tikkwantifika xi effett negattiv potenzjali fuqhom.

### 6.3. **Interess tal-fornituri**

(242) Il-fornituri tal-fibri għamlu dikjarazzjonijiet li jappoġġaw l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping, u allegaw li dawn il-miżuri huma essenzjali għas-sopravivenza tal-industrija tat-tajers b' wiċċ ġdid. Mingħajr l-attivitajiet ta' għoti ta' wiċċ ġdid, in-negozju tagħhom ikun affettwat b'mod serju. Din il-kwistjoni se tkompli tiġi analizzata waqt l-investigazzjoni.

### 6.4. **Interessi oħra**

(243) L-Unjoni ilha ssegwi politika ([1]) ta' tnaqqis tal-iskart u ġestjoni tal-materja prima b'mod sostenibbli. Tabilħaqq, il-politika tal-Unjoni hija doppja: għandha x'taqsam mal-prevenzjoni tal-iskart u tinkoraġġixxi r-riċiklaġġ ([2]). Barra minn hekk, hemm għan ta' politika orizzontali, li tiġi mħeġġa l-preżenza ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-suq tal-Unjoni ([3]).

(244) L-għoti ta' wiċċ ġdid huwa kruċjali għal ekonomija ċirkolari virtuża. Minbarra li jiggarantixxu standard għoli ta' affidabbiltà, prestazzjoni u sikurezza, it-tajers b'wiċċ ġdid jirrappreżentaw vantaġġ kbir minn perspettiva ambjentali (inqas użu minn materja prima u enerġija, inqas produzzjoni ta' $CO_2$, tniġġis u inqas konsum tal-ilma). Dawn għalhekk jikkontribwixxu wkoll għall-kisba ta' dawn l-għanijiet soċjetali akbar, għanijiet li huma rikonoxxuti minn politiki speċifiċi tal-Unjoni.

(245) Bosta partijiet interessati enfasizzaw li manifatturi primjum ta' tajers qed jipproduċu tajers ġodda ta' kwalità għolja li huma mfasslin biex ikollhom ċiklu tal-ħajja twil u biex ikunu jistgħu jingħataw wiċċ ġdid. Mingħajr l-industrija tat-tajers b'wiċċ ġdid, il-kompetizzjoni fl-industrija tat-tajers tispiċċa f'tiġrija sal-aktar livel baxx, li tirriżulta fi tnaqqis industrijali, telf ta' valur tul il-katina ta' provvista u minimizzazzjoni tal-kwalità tal-prodotti offruti fl-Unjoni.

(246) L-AIRP iddikjarat li l-attività tal-għoti ta' wċuħ ġodda hija eżempju ta' ekonomija ċirkolari peress li l-għoti ta' wiċċ ġdid lil tajer wieħed meta mqabbel mal-produzzjoni tat-tajers ġodda tuża 70 % inqas materja prima, 65 % inqas enerġija u 19 % inqas ilma, tipproduċi 37 % inqas $CO_2$ u 21 % inqas tniġġis tal-arja (partikuli), u tikkawża 29 % inqas erożjoni tal-ħamrija f'pajjiżi fejn tiġi prodotta l-gomma naturali.

(247) Barra minn hekk, l-industrija tat-tajers b'wiċċ ġdid tipprevjeni li jkun hemm 240 000 tunnellata ta' tajers għar-rimi fis-sena. Għalhekk, fl-Unjoni, il-miżuri li jipproteġu t-tajers ta' kwalità għolja li jistgħu jingħataw wiċċ ġdid apparagun ta' tajers essenzjalment ta' użu ta' darba jgħinu wkoll biex jiġi evitat l-iskart f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva dwar l-Iskart, billi jappoġġaw iż-żamma fl-Unjoni ta' negozju vijabbli tat-tajers b'wiċċ ġdid.

---

([1]) Irreferi għad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

([2]) Ara l-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari adottat f'Jannar 2018; http://ec.europa.eu/environment/circular-economy/index_en.htm.

([3]) Ara tal-Politika tal-Kummissjoni għall-appoġġ ta' Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju; https://ec.europa.eu/growth/smes/business-friendly-environment/small-business-act_en.

(248) Skont studji mwettqa mill-AIRP, l-Italja tiffranka medja ta' 30 miljun litru ta' żejt mhux raffinat kull sena permezz tal-għoti ta' wċuħ ġodda, kif ukoll aktar minn 20 000 tunnellata ta' materja prima strateġika oħra bħal lastiku naturali u sintetiku, duħħan iswed, fibri tessili, azzar u ram, u tnaqqas ukoll l-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'10 202 tunnellati. Skont l-istess studji, kull tajer b'wiċċ ġdid inaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'26,5 kg.

(249) Għalhekk, fl-Unjoni, il-miżuri li jipproteġu t-tajers ta' kwalità għolja li jistgħu jingħataw wiċċ ġdid apparagun ta' tajers essenzjalment ta' użu ta' darba jgħinu wkoll fit-trawwim ta' koerenza fil-politika mal-objettivi tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari, billi jappoġġaw iż-żamma fl-Unjoni ta' negozju vijabbli tat-tajers b'wiċċ ġdid. Barra minn hekk, peress li ħafna mill-SMEs huma attivi f'dan is-settur, dawn ikunu wkoll f'konformità mal-objettiv importanti tal-Kummissjoni li tappoġġa dawn il-kumpaniji.

### 6.5. **Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni**

(250) L-effetti tal-miżuri antidumping fuq il-produtturi tal-Unjoni jkun pożittiv. Minkejja l-istqarrijiet ta' impatt potenzjalment negattiv fuq l-importaturi tal-Unjoni, id-dazju xorta waħda ma jkunx sproporzjonat fid-dawl tal-effetti globali fuq l-industrija intiera tal-Unjoni. Huwa meqjus li l-kapaċità libera disponibbli fl-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra jkunu jimmitigaw ir-riskji billi joffru sorsi ta' forniment alternattivi. Il-ħolqien mill-ġdid ta' kompetizzjoni ġusta u ta' kundizzjonijiet ekwi, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, ikun ta' benefiċċju għall-iżvilupp b'saħħtu tas-suq kumplessiv tat-tajers fl-Unjoni, u jrawwem koerenza fil-politiki skont l-objettivi ta' ekonomija ċirkolari fl-Unjoni, il-prevenzjoni tal-iskart u l-protezzjoni tal-SMEs fl-Unjoni. Għal dawn l-iskopijiet, ma hemm ebda raġuni konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' tajers għall-karozzi tal-linja u t-trakkijiet mir-RPĊ.

(251) Għalhekk, l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping tista' tkun mistennija li tippermetti li l-industrija tal-Unjoni tibqa' fis-suq u saħansitra ttejjeb is-sitwazzjoni tagħha wara dan. Hemm riskju għoli li jekk ma jiġux imposti l-miżuri, l-industrija tal-Unjoni jkollha tikkunsidra li tirtira min-negozju tat-tajers b'wiċċ ġdid fuq terminu ta' żmien medju, li jirriżulta fit-telf inevitabbli ta' impjiegi – kif diġà seħħ bl-għeluq ta' għexieren ta' SMEs kif stabbilit fil-premessa (175). Mill-perspettiva tal-importaturi jew tal-utenti, f'dan l-istadju tal-investigazzjoni ma ġewx identifikati raġunijiet konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' tajers għall-karozzi tal-linja u t-trakkijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

## 7. **MIŻURI ANTIDUMPING PROVIŻORJI**

(252) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji biex jiġi evitat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

### 7.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (Marġni tad-dannu)**

(253) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(254) Id-dannu jiġi eliminat li kieku l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha u tagħmel profitt qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni, u dan jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni minn industrija ta' dan it-tip fis-settur, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dan il-profitt fil-mira kien stabbilit fuq il-bażi tal-profitt milħuq mill-industrija tal-Unjoni fl-2014. Barra mill-perjodu kkunsidrat, din kienet meqjusa bħala s-sena fil-perjodu kkunsidrat li kienet tixbah ħafna l-kompetizzjoni b'kundizzjonijiet l-aktar normali peress li l-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien l-aktar baxx u l-prezz medju tal-importazzjonijiet kien l-ogħla.

(255) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkulat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi żiedet il-marġni tal-profitt ta' 15,6 % mal-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni) fil-kampjun, u naqqset il-marġni tal-profitt reali miksub matul il-perjodu tal-investazzjoni mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni u ssostitwietu bil-marġni tal-profitt ta' 15,6 %.

(256) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju tal-importazzjoni ponderat tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ li kkooperaw fil-kampjun, kif stabbilit għall-kalkoli ta' tnaqqis tal-prezzijiet, bil-prezz medju ponderat tal-prodott simili li ma jikkawżax dannu mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju pponderat tal-importazzjoni.

(257) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji li kkooperaw oħra" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (127) u (128)).

### 7.2. **Miżuri proviżorji**

(258) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri antidumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Popolu taċ-Ċina, skont ir-regola tal-irħas dazju fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. Jenħtieġ li l-ammont tad-dazji jkun stabbilit fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu.

(259) Kif iddikkjarat fil-premessa (7), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ suġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-regolament dwar ir-reġistrazzjoni, fid-dawl tal-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva ta' kwalunkwe miżura antidumping u kumpensatorja, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ("ir-Regolament bażiku kontra s-sussidji").

(260) Rigward din l-investigazzjoni antidumping u fid-dawl tas-sejbiet imsemmijin hawn fuq, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għall-finijiet tal-investigazzjoni antidumping skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku jenħtieġ li tieqaf hawn.

(261) Rigward l-investigazzjoni parallela kontra s-sussidji, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji jenħtieġ li tibqa' għaddejja.

(262) L-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli tal-miżuri antidumping ma tista' tittieħed f'dan l-istadju tal-proċedimenti.

(263) Skont in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (Harmonised System Explanatory Notes, HSEN), l-intestaturi 8708 u 8716, roti tat-triq, tat-trejlers u tas-semitrejlers mgħammrin b'tajers għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestaturi 8708 u 8716. Peress li jista' jkun hemm ir-riskju li l-operaturi jużaw l-importazzjoni ta' roti mgħammrin b'tajers Ċiniżi sabiex jiġu evitati l-miżuri, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li jiġu mmonitorjati l-importazzjonijiet ta' dawn ir-roti sabiex jitnaqqas dan ir-riskju. L-informazzjoni miġbura taħt din l-iskema ta' monitoraġġ tista' tintuża wkoll jekk ikun meħtieġ li fil-futur titnieda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kodiċijiet TARIC separati għall-importazzjonijiet ta' roti tat-triq, tat-trejlers u tas-semitrejlers mgħammrin b'tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121.

(264) Għalhekk, ir-rati tad-dazju antidumping proviżorju, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntieri tal-Unjoni, bħala dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

| Kumpanija | Marġni tad-dumping (%) | Marġni tad-dannu (%) | Dazju antidumping proviżorju (%) |
|---|---|---|---|
| Il-Grupp Xingyuan | 166,7 | 68,8 | 68,8 |
| Il-Grupp Giti | 98,7 | 33,2 | 33,2 |
| Il-Grupp Aeolus | 151,2 | 48,1 | 48,1 |
| Il-Grupp Hankook | 80,4 | 29,3 | 29,3 |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw | 110,3 | 40,2 | 40,2 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 166,7 | 68,8 | 68,8 |

(265) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn irriflettew is-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u li jipproduċuh l-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Huma jenħtieġ li ma jkunux suġġetti għal xi rati individwali ta' dazju antidumping.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

(266) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati individwali ta' dazju antidumping jekk sussegwentement hija tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba trid tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(267) Sabiex jiġu mminimizzati kemm jista' jkun ir-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati ta' dazju, jenħtieġu miżuri speċjali biex tkun żgurata l-applikazzjoni tad-dazji antidumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji antidumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) hawnhekk. Jinħtieġ li l-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jkunu suġġetti għad-dazju antidumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(268) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji antidumping, id-dazju antidumping għall-kumpaniji l-oħra kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma jkunux ikkooperaw f'din l-investigazzjoni, iżda anki għall-produtturi li ma esportawx lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

## 8. FORMA TAL-MIŻURI

(269) Il-Kummissjoni sabet li d-dazju *ad valorem*għandu żewġ żvantaġġi kbar. L-ewwel nett, dazju *ad valorem* joħloq inċentiv għal kumpanija biex tbigħ in-naħa t'isfel tat-taħlita ta' prodotti li jkollha. Dan joħloq pressjoni addizzjonali fil-Livell 3, għalkemm huwa preċiżament dan il-livell tas-suq li jeħtieġu l-aktar protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta ħarxa. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li huwa aktar xieraq li jiġi stabbilit dazju fiss għat-tajers tal-Livell 3 f'ċertu livell assolut.

(270) It-tieni, dazju *ad valorem* jista' jwassal ukoll għal ammonti pjuttost għoljin fil-livell tal-prezzijiet għoljin tat-tajers tal-Livell 1 u 2. Hawnhekk, ir-riskju huwa li tajers ta' kwalità daqstant għolja jsiru għaljin wisq, għalkemm huma speċifikament dawn it-tajers li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għan-negozju tat-tajers b'wiċċ ġdid fl-Unjoni. Fl-Unjoni, dawk li jagħtu wiċċ ġdid jeħtieġu kejsings adattati, li jistgħu jiġu pprovduti jew mill-produtturi tal-Livell 1 jew 2 tal-Unjoni, jew inkella minn xi esportaturi Ċiniżi f'dak il-livell. Jekk il-miżuri jimponu wisq sanzjonijiet fuq l-importazzjonijiet tal-Livell 1 u l-Livell 2 fl-Unjoni, jista' jkun hemm impatt negattiv fuq l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni għal ekonomija ċirkolari.

(271) Għalhekk, il-Kummissjoni proviżorjament qieset li l-interessi tal-Unjoni jiffavorixxu l-impożizzjoni ta' dazji fissi fuq kull unità, ikkalkulati fuq il-bażi tal-marġni individwali ta' dannu għal kull esportatur. Dazji fissi bħal dawn jirrimedjaw ir-riskju li d-dumping jiġi indirizzat b'mod suffiċjenti fil-konfront tat-tajers tal-Livell 3, billi t-tajers tal-Livell 3 jiġu impurtati fl-Unjoni fi kwantitajiet kbar u jħallsu dazju fiss relattivament għoli meta mqabbel mal-valur reali tagħhom. Fl-istess waqt, dawn id-dazji jirrispondu għar-riskju li l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-Livell 1 u l-Livell 2 jiġu penalizzati b'mod eċċessiv, u dawn jistgħu jingħataw wiċċ ġdid minn dawk li fl-Unjoni lit-tajers jagħtuhom wiċċ ġdid.

(272) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li jiġu imposti dazji proviżorji f'għamla ta' dazji fissi.

## 9. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(273) Għall-finijiet ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex jippreżentaw kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali, b'data tal-għeluq fissa.

(274) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju antidumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi ta' tagħbija li jaqbeż il-121, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (kodiċi TARIC 4012 12 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazji antidumping proviżorji applikabbli f'EUR għal kull unità tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

| Kumpanija | Dazju antidumping proviżorju (f'EUR/unità) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Xingyuan Tire Group Ltd, Co.; Guangrao Xinhongyuan Tyre Co., Ltd | 82,17 | C331 |
| Giti Tire (Anhui) Company Ltd; Giti Tire (Fujian) Company, Ltd; Giti Tire (Hualin) Company Ltd; Giti Tire (Yinchuan) Company, Ltd | 57,42 | C332 |
| Aeolus Tyre Co., Ltd; Chonche Auto Double Happiness Tyre Corp., Ltd; Qingdao Yellow Sea Rubber Co., Ltd; Pirelli Tyre Co, Ltd | 64,13 | C333 |
| Chongqing Hankook Tire Co., Ltd; Jiangsu Hankook Tire Co., Ltd; | 52,85 | C334 |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness | 62,79 | |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 82,17 | C999 |

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji elenkati fil-paragrafu 2 jew fl-Anness għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(unità/unitajiet) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħa sabiex tiġi esportata/jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea koperta/i minn din il-fattura ġiet/ġew immanifatturata/immanifatturati minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija kollha u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, id-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha għandu japplika.

4. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun suġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Roti tat-triq, tat-trejlers u tas-semitrejlers mgħammrin b'tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, għandhom jaqgħu taħt il-kodiċijiet TARIC 8708 70 10 15, 8708 70 10 80, 8708 70 50 15, 8708 70 50 80, 8708 70 91 15, 8708 70 99 15, 8716 90 90 15 u 8716 90 90 80.

6. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

*Artikolu 2*

1. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu:

(a) jitolbu divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament;

(b) jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni, inklużi l-kummenti dwar il-klassifikazzjoni tal-marki fil-livelli; u

(c) jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali.

2. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistgħu jikkummentaw dwar l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji.

*Artikolu 3*

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tajers ġodda jew b'wiċċ ġdid għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (il-kodiċi TARIC 4012 12 00 10), u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina."

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun:

| Isem il-Kumpanija | Il-kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|
| Bayi Rubber Co., Ltd. | C335 |
| Bridgestone (Huizhou) Tire Co. Ltd. | C336 |
| Briway Tire Co., Ltd. | C337 |
| Chaoyang Long March Tyre Co., Ltd. | C338 |
| Goodyear Dalian Tire Co. Limited | C339 |
| Guizhou Tyre Co., Ltd. | C340 |
| Jiangsu General Science Technology Co., Ltd. | C341 |
| Megalith Industrial Group Co., Ltd. | C342 |
| Michelin Shenyang Tire Co., Ltd. | C343 |
| Nanjing Kumho Tire Co., Ltd. | C344 |
| Ningxia Shenzhou Tire Co., Ltd. | C345 |
| Prinx Chengshan (Shandong) Tire Co., Ltd. | C346 |
| Qingdao Doublestar Tire Industrial Co., Ltd. | C347 |
| Qingdao Fudong Tyre Co., Ltd. | C348 |
| Qingdao Hairunsen Tyre Co., Ltd. | C349 |
| Quindao GRT Rubber Co. Ltd. | C350 |
| Sailun Jinyu Group Co., Ltd. | C351 |
| Shaanxi Yanchang Petroleum Group Rubber Co., Ltd. | C352 |
| Shandong Kaixuan Rubber Co., Ltd. | C353 |
| Shandong Changfeng Tyres Co., Ltd. | C354 |
| Shandong Haohua Tire Co., Ltd. | C355 |
| Shandong Hawk International Rubber Industry Co., Ltd. | C356 |
| Shandong Hengfeng Rubber & Plastic Co.,Ltd | C357 |
| Shandong Hengyu Science & Technology Co., Ltd. | C358 |
| Shandong Homerun Tires Co., Ltd. | C359 |
| Shandong Huasheng Rubber Co., Ltd. | C360 |
| Shandong Hugerubber Co., Ltd. | C361 |
| Shandong Jinyu Tire Co., Ltd. | C362 |
| Shandong Linglong Tyre Co., Ltd. | C363 |
| Shandong Mirage Tyres Co., Ltd. | C364 |
| Shandong Vheal Group Co., Ltd. | C365 |

| Isem il-Kumpanija | Il-kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|
| Shandong Wanda Boto Tyre Co., Ltd. | C366 |
| Shandong Wosen Rubber Co., Ltd. | C367 |
| Shandong Yongfeng Tyres Co., Ltd. | C368 |
| Shandong Yongsheng Rubber Group Co., Ltd.; Shandong Santai Rubber Co., Ltd. | C369 |
| Shandong Yongtai Group Co., Ltd. | C370 |
| Shanghai Huayi Group Corp. Ltd.; Double Coin Group (Jiang Su) Tyre Co., Ltd. | C371 |
| Shengtai Group Co., Ltd. | C372 |
| Sichuan Kalevei Technology Co., Ltd. | C373 |
| Toyo Tire (Zhucheng) Co., Ltd. | C374 |
| Triangle Tyre Co., Ltd. | C375 |
| Weifang Goldshield Tire Co., Ltd. | C376 |
| Weifang Shunfuchang Rubber And Plastic Products Co., Ltd. | C377 |
| Xuzhou Armour Rubber Company Ltd. | C378 |
| Zhongce Rubber Group Co., Ltd. | C379 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/684

**tal-4 ta' Mejju 2018**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

Billi:

(1) Il-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 ([2]) skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013.

(2) Diversi Stati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni l-listi ta' faċilitajiet li jkunu awtorizzati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 biex jiġu inklużi fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. L-Istati Membri kkomunikaw ukoll lill-Kummissjoni dejta aġġornata rigward faċilitajiet diġà inklużi f'dik il-lista.

(3) Għalhekk huwa xieraq li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2323 tiġi emendata.

(4) Fir-rigward tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi li għalihom tkun tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-inklużjoni fil-Lista Ewropea skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-valutazzjoni tal-informazzjoni rilevanti u tal-evidenza ta' sostenn li tingħata jew tingabar għadha għaddejja. Ladarba l-valutazzjoni tintemm, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni b'rabta ma' dawk il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu barra mill-Unjoni.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2323 qed jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 119).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**IL-LISTA EWROPEA TAL-FAĊILITAJIET TA' RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 16(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1257/2013**

## Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | IL-BELĠJU | | | |
| NV Galloo Recycling Ghent<br>Scheepszatestraat 9<br>9000 Gent<br>Il-Belġju<br>Telefon: +32 92512521<br>Posta elettronika: peter.wyntin@galloo.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma), rampa | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 265 metru<br>Il-wisa': 36 metru<br>Il-pixka: 12,5 metru | | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' 30 jum | 34 000 (4) | Il-31 ta' Marzu 2020 |
| | | | ID-DANIMARKA | | | |
| Fornæs ApS<br>Rolshøjvej 12-16<br>8500 Grenå<br>Id-Danimarka<br>www.fornaes.dk | L-iżmantellar mal-moll u l-iskreppjar sussegwenti fuq artijiet impermeabbli b'sistemi effettivi ta' drenaġġ | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 150 metru<br>Il-wisa': 25 metru<br>Il-pixka: 6 metri<br>GT: 10 000 | Il-Muniċipalità ta' Norddjurs għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż f'faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali. | Approvazzjoni taċita, perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum | 30 000 (5) | It-30 ta' Ġunju 2021 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Smedegaarden A/S<br>Vikingkaj 5<br>6700 Esbjerg<br>Id-Danimarka<br>www.smedegaarden.net | L-iżmantellar mal-moll u l-iskreppjar sussegwenti fuq artijiet impermeabbli b'sistemi effettivi ta' drenaġġ | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 170 metru<br>Il-wisa': 40 metru<br>Il-pixka: 7,5 metru | | Approvazzjoni taċita, perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum | 20 000 (6) | Il-15 ta' Settembru 2021 |
| L-ESTONJA | | | | | | |
| OÜ BLRT Refonda Baltic | Fil-wiċċ mal-moll u dokk f'wiċċ l-ilma | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 197 metru<br>Il-wisa': 32 metru<br>Il-pixka: 9,6 metri<br>GT: 28 000 | Il-permess għall-iskart Nru L.JÄ/327249. Il-liċenzja ta' ġestjoni tal-iskart perikoluż Nru 0222. Ir-Regoli tal-Port Vene-Balti, Il-Manwal dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti MSR-Refonda. Is-Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali, Il-Ġestjoni tal-Iskart tal-EP 4.4.6-1-13<br>Il-faċilità tista' tirriċikla biss dawn il-materjali perikolużi li għalihom ġiet liċenzjata. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' 30 jum | 21 852 (7) | Il-15 ta' Frar 2021 |
| SPANJA | | | | | | |
| DDR VESSELS XXI, S.L.<br>Il-port ta' "El Musel"<br>Gijon<br>Spanja<br>Telefon: +34 630144416<br>Posta elettronika: abarredo@ddr-vessels.com | Rampa għall-iżmantellar | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013, ħlief bastimenti nukleari.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 84,95 metru | Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata. | Mhi definita l-ebda proċedura espliċita s'issa. | 0 (8) | It-28 ta' Lulju 2020 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (Vapuri sa 169,9 metru li waqt it-tħaddim tagħhom ma jkollhomx riskju li jinqalbu jew inkella r-rampa tagħhom ma tiċċaqlaqx, skont ir-riżultat ta' studju tal-vijabilità ddettaljat) | | | | |
| **FRANZA** | | | | | | |
| Démonaval Recycling<br>ZI du Malaquis<br>Rue François Arago<br>76580 LE TRAIT<br>Telefon: + 33 769791280<br>Posta elettronika: patrick@demonaval-recycling.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (baċir imbattal mill-ilma):<br>It-tul: 140 metru<br>Il-wisa': 25 metru<br>Il-fond: 5 metri | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent. | 0 (9) | Il-11 ta' Diċembru 2022 |
| GARDET & DE BEZENAC Recycling/Groupe BAUDELET ENVIRONNEMENT — GIE MUG<br>616, Boulevard Jules Durand<br>76600 Le Havre<br>Franza<br>Telefon: +33 235951634<br>Posta elettronika: infos@gardet-bezenac.com | F'wiċċ l-ilma u fl-iskal | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 150 metru<br>Il-wisa': 18-il metri<br>LDT: 7 000 | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent. | 16 000 (10) | It-30 ta' Diċembru 2021 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Grand Port Maritime de Bordeaux<br>152, Quai de Bacalan — CS 41320 — 33082 Bordeaux Cedex<br>Franza<br>Telefon: +33 556905800<br>Posta elettronika: maintenance@bordeaux-port.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (baċir imbattal mill-ilma):<br>It-tul: 240 metru<br>Il-wisa': 37 metru<br>Il-fond: 17-il metru | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent. | 18 000 (11) | Il-21 ta' Ottubru 2021 |
| Les Recycleurs tal-Bretagne<br>Zone Industrielle de Kerbriant — 29 610 Plouigneau<br>Franza<br>Telefon: +33 298011106<br>Posta elettronika: navaleo@navaleo.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (baċir imbattal mill-ilma):<br>It-tul: 225 metru<br>Il-wisa': 34 metru<br>Il-fond: 27 metru | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent. | 5 500 (12) | L-24 ta' Mejju 2021 |
| IL-LATVJA | | | | | | |
| A/S "Tosmares kuģubūvētava"<br>Ģenerāļa Baloža street 42/44, Liepaja, LV-3402<br>Il-Latvja<br>Telefon: +371 63401919<br>Posta elettronika: shipyard@tosmare.lv | L-iżmantellar ta' bastimenti (irmiġġ fl-ilma u baċir imbattal mill-ilma) | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 165 m<br>Il-wisa': 22 m<br>Il-fond: 7 m | Ara l-permess nazzjonali Nru LI10IB0024. | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 0 (13) | Il-Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | DWT:14 000<br>GT: 200 — 12 000<br>Il-piż: 100 — 5 000 tunnellati<br>LDT: 100 -5 000 | | | | |
| IL-LITWANJA | | | | | | |
| UAB APK<br>Minijos 180 (post ta' rmiġġ133 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefon: +370 46365776<br>Faks: +370 46365776<br>Posta elettronika: uab.apk@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 130 metru<br>Il-wisa': 35 metru<br>Il-fond: 10 metri<br>GT: 3 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1–15/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 1 500 (14) | Is-17 ta' Marzu 2020 |
| UAB Armar<br>Minijos 180 (il-postijiet ta' rmiġġ 127 A, 131 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefon: +370 68532607<br>Posta elettronika: armar.uab@gmail.com; albatrosas33@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (post ta' rmiġġ 127 A):<br>It-tul: 80 metru<br>Il-wisa': 16-il metru<br>Il-fond: 6 metri<br>GT: 1 500<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (post ta' rmiġġ 131 A):<br>It-tul: 80 metru<br>Il-wisa': 16-il metru<br>Il-fond: 5 metri<br>GT: 1 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-16/2015 (post ta' rmiġġ 127 A)<br>Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-51/2017 (post ta' rmiġġ 131 A) | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 3 910 (15) | Is-17 ta' Marzu 2020<br>(il-post ta' rmiġġ 127 A),<br>Id-19 ta' April 2022<br>(il-post ta' rmiġġ 131 A), |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| UAB Vakaru refonda<br>Minijos 180 (il-postijiet ta' rmiġġ 129, 130, 131 A, 131, 132, 133 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefon: +370 (46) 483940/483891<br>Faks: +370 (46) 483891<br>Posta elettronika: refonda@wsy.lt | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 230 metru<br>Il-wisa': 55 metru<br>Il-fond: 14-il metru<br>GT: 70 000 | Ara l-permess nazzjonali Nru (11.2)-30-161/2011/TL-KL.1-18/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 20 140 (16) | Il-21 ta' Mejju 2020 |
| | | | IN-NETHERLANDS | | | |
| Keppel-Verolme<br>Prof. Gerbrandyweg 25<br>3197 KK Rotterdam-Botlek<br>In-Netherlands<br>Telefon: +31 181234353<br>Posta elettronika: mzoethout@keppelverolme.nl | Tkissir ta' bastimenti | Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 405 metri<br>Il-wisa': 90 metru<br>Il-fond: 11,6 metru | Is-sit għadu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 52 000 (17) | Il-21 ta' Lulju 2021 |
| Scheepssloperij Nederland B.V.<br>Havenweg 1; 3295 XZ s-Gravendeel<br>Postbus 5234; 3295 ZJ s-Gravendeel<br>In-Netherlands<br>Telefon: +31 786736055<br>Posta elettronika: info@sloperij-nederland.nl | Tkissir ta' bastimenti | Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 200 metru<br>Il-wisa': 33 metru<br>Il-fond: 6 metri<br>Għoli: 45 metru (Botlekbridge) | Is-sit għadu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 9 300 (18) | Is-27 ta' Settembru 2021 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | L-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ jibdew fuq l-ilma biex il-buq jitħaffef; il-winċ biex iqandel il-vapuri għal fuq ir-rampa jiflaħ 2 000 tunnellata. | | | | |
| | | | IL-POLONJA | | | |
| ALMEX Sp. Z o.o.<br>ul. Ks. Stanislawa Kujota 1<br>70-605 Szczecin<br>Il-Polonja<br>Telefon: +48 914624862<br>indirizz elettroniku: biuro@almex-recycling.pl<br>almex-recycling.pl | Mollijiet u postijiet tar-riċiklaġġ fuq l-interfaċċja bejn l-art u l-baħar | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 120 metru<br>Il-wisa': 20 metru<br>Il-fond: 6 metri<br>DWT: 6 000<br>GT: 2 500<br>LDT: 2 500 | Ara l-permess WOŚ. II.7243.7.4.2014.IB | Approvazzjoni espliċita | 4 000 (19) | It-28 ta' April 2018 |
| Stocznia Marynarki Wojennej S.A.<br>ul. Śmidowicza 48,<br>81-127 Gdynia<br>Il-Polonja<br>Telefon: +48 586258318<br>indirizz elettroniku: mrybka@navship.pl<br>www.navship.pl | Irmiġġ fl-ilma, baċir imbattal mill-ilma, mollijiet u postijiet tar-riċiklaġġ fuq l-interfaċċja bejn l-art u l-baħar | Bastimenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 100 m<br>Il-piż: 2 500 tunnellata<br>(bastimenti itqal għandhom bżonn li jiġu parzjalment żmantellat. L-iżmantellar parzjali jibda fuq l-ilma biex il-qoxra titħaffef) | Ara l-permess DROŚ S.7243.24.2016.EB | Approvazzjoni espliċita | 5 000 (20) | It-28 ta' April 2018 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-PORTUGALL | | | | | | |
| Navalria — Docas, Construções e Reparações Navais<br>Porto Comercial, Terminal Sul, Apartado 39, 3811-901 Aveiro<br>Il-Portugall<br>Telefon: +351 234378970, +351 232767700<br>Posta elettronika: info@navalria.pt | Żarmar fil-baċir imbattal mill-ilma, id-dekontaminazzjoni u l-iżmantellar fuq pjan orizzontali u inklinat, skont id-daqs tal-bastiment | Il-kapaċità nominali tal-pjan orizzontali: 700 tunnellata<br>Il-kapaċità nominali tal-pjan inklinat: 900 tunnellata | | Il-kundizzjonijiet applikati għall-attività huma definiti fl-ispeċifikazzjonijiet annessi mat-Titolu (AL nru 5/2015/CCDRC, tas-26 ta' Jannar 2016) | 1 900 tunnellata (21) | Is-26 ta' Jannar 2020 |
| IR-RENJU UNIT | | | | | | |
| Able UK Limited<br>Teesside Environmental Reclamation and Recycling Centre<br>Graythorp Dock<br>Tees Road<br>Hartlepool<br>Cleveland<br>TS25 2DB<br>Ir-Renju Unit<br>Telefon: +44 1642806080<br>Posta elettronika: info@ableuk.com | L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma | Kull bastiment fil-limiti tad-dimensjonijiet awtorizzati fil-permess.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 337,5 metru<br>Il-wisa': 120 metru<br>Pixka: 6,65 metri | Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013.<br>Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' permess (ir-Referenza EPR/VP3296ZM) li jillimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Approvazzjoni espliċita | 66 340 (22) | Is-6 ta' Ottubru 2020 |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2) | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Harland and Wolff Heavy Industries Limited<br>Queen's Island<br>Belfast<br>BT3 9DU<br>Ir-Renju Unit<br>Telefon: +44 2890458456<br>Posta elettronika: trevor.hutchinson@harland-wolff.com | L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma | Kull bastiment bid-dimensjonijiet iddettaljati fil-Pjan ta' Ħidma miftiehem.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Il-baċir prinċipali (l-ikbar) huwa ta' 556 m × 93 m × 1,2 m DWT, u jista' jieħu bastimenti li ma jaqbżux dan il-qies. Dan l-akbar baċir imbattal mill-ilma huwa ta' 1,2 miljun DWT. | Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013.<br>Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' liċenzja għall-ġestjoni tal-iskart, bin-numru tal-awtorizzazzjoni LN/07/21/V2 li tillimita l-operazzjonijiet u tagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Approvazzjoni espliċita | 13 200 (23) | It-3 ta' Awwissu 2020 |
| Swansea Drydock Ltd<br>Prince of Wales Dry Dock<br>Swansea<br>Wales<br>SA1 1LY<br>Ir-Renju Unit<br>Telefon: +44 1792654592<br>Posta elettronika: info@swanseadrydocks.com | L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma | Kull bastiment fil-limiti tad-dimensjonijiet awtorizzati fil-permess.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>It-tul: 200 metru<br>Il-wisa': 27 metru<br>Pixka: 7 metri | Is-sit għandu Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013.<br>Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' permess (ir-Referenza EPR/UP3298VL) li jillimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Approvazzjoni espliċita | 7 275 (24) | It-2 ta' Lulju 2020 |

(1) Kif hemm referenza fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti.
(2) Kif imsemmi fit-tielet sentenza tal-Artikolu 32(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013.
(3) Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea tikkorrispondi mad-data tal-iskadenza tal-permess jew l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-faċilità fl-Istat Membru.
(4) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.
(5) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.
(6) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.
(7) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.
(8) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 60 000 LDT fis-sena.
(9) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.

(10) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 18 000 LDT fis-sena.
(11) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 23 000 LDT fis-sena.
(12) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 10 000 LDT fis-sena.
(13) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.
(14) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 30 000 LDT fis-sena.
(15) Skont il-permessi tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 12 000 LDT fis-sena (6 000 LDT post ta' rmiġġ).
(16) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 45 000 LDT fis-sena.
(17) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 100 000 tunnellata fis-sena.
(18) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 45 000 LDT fis-sena.
(19) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 10 000 LDT fis-sena.
(20) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 10 000 LDT fis-sena.
(21) Ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti.
(22) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 230 000 tunnellata fis-sena.
(23) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 300 000 tunnellata fis-sena.
(24) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 74 999 tunnellata fis-sena.

## RETTIFIKA

### Rettifika tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2009

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 56 tas-6 ta' Marzu 2010)*

Fl-Anness VII, il-Parti B, it-titolu,

*minflok:* "Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti B u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim",

*aqra:* "Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT